DIKASTERU GĦALL-EVANĠELIZZAZZJONI

Taqsima għal dak li hu fundamentali

għall-Evanġelizzazzjoni fid-Dinja

# ĠUBLEW 2025

Testi Liturġiċi

Normi dwar l-Għoti tal-Indulġenza Ġubilari

Belt tal-Vatikan

# I

# TESTI LITURĠIĊI

DICASTERO PER L'EVANGELIZZAZIONE
SEZIONE PER LE QUESTIONI FONDAMENTALI
DELL'EVANGELIZZAZIONE NEL MONDO

Città del Vaticano, 13 maggio 2024

Prot. N. IUBXXV/736/2024/P

Eminenza Reverendissima,

approssimandosi l'inizio del Giubileo 2025, la cui organizzazione e celebrazione il Santo Padre ha affidato a questo Dicastero, si è provveduto a assegnare ad una Commissione Liturgica appositamente costituita, il compito di elaborare un Formulario della Santa Messa per l'Anno Giubilare, in aggiunta ai due formulari precedentemente approvati da codesto Dicastero. L'iniziativa si impone per consentire sia ai pellegrini presenti a Roma come pure a quanti celebreranno il Giubileo nelle Chiese locali, di vivere l'esperienza giubilare in modo coerente e spiritualmente ricco di grazia, in conformità alla Bolla di indizione Spes non confundit.

Al riguardo, a norma del can. 838, §§ 1-2 C.J.C. e dell'Art. 88 della Costituzione Apostolica Praedicate Evangelium sono a sottoporre a codesto Dicastero il testo che mi premuro compiegare alla presente (cfr. All.), per tutti i previsti e rituali adempimenti.

Grato per l'attenzione che vorrà attribuire alla presente e per quanto si vorrà determinare in merito, profitto ben volentieri della circostanza per salutarla con viva cordialità e confermarmi con sensi di profondo ossequio.

✠ Rino Fisichella

Mons. Graham Bell
*Sottosegretario*
*Incaricato della Segreteria*

---

A Sua Eminenza Reverendissima
Il Sig. Card. Arthur ROCHE
Prefetto del Dicastero per il Culto Divino
e la Disciplina dei Sacramenti
CITTÀ DEL VATICANO

DICASTERO PER L'EVANGELIZZAZIONE
SEZIONE PER LE QUESTIONI FONDAMENTALI
DELL'EVANGELIZZAZIONE NEL MONDO

Prot. N. 276/24

DICASTERII PRO EVANGELIZATIONE
SECTIONIS DE INSTITUTIS EVANGELIZATIONIS IN MUNDO

Instante Excellentissimo Domino Salvatore Fisichella, Archiepiscopo tit. Vicohabentino, Propræfecto Dicasterii pro Evangelizatione – Sectionis de Institutis Evangelizationis in Mundo, litteris die 13 mensis maii 2024 datis, vigore facultatum huic Dicasterio a Summo Pontifice FRANCISCO tributarum, textum translationis in linguam anglicam, gallicam, germani-cam, bispanicam, italicam, lusitanam ac polonicam trium formulariorum Missæ, quæ perdurante anno iubilari, a die 24 mensis decembris 2024 ad diem 6 mensis ianuarii 2026, adhiberi possunt, perlibenter confirmamus.

In textu imprimendo mentio fiat de hoc Decreto. Eiusdem insuper textus impressi duo exemplaria ad hoc Dicasterium transmittantur.

Contrariis quibuslibet minime obstantibus.

Ex ædibus Dicasterii de Cultu Divino et Disciplina Sacramentorum, die 13 mensis maii 2024, in memoria beatæ Mariæ Virginis de Fatima.

✠ Arturus Card. Roche
*Præfectus*

L.S

✠ Victorius Franciscus Viola, O.F.M.
*Archiepiscopus a Secretis*

# RIT TAL-FTUĦ TAS-SENA TAL-ĠUBLEW FIL-KNEJJES LOKALI

## Premessi

Ir-Rit tal-ftuħ u tas-Sena tal-Ġublew li ġej 2025, fil-Knejjes Lokali, jgħodd għall-knejjes tar-Rit Ruman.

Il-Knejjes Orjentali jistgħu, jekk jixtiequ, ifasslu ir-Rit tal-ftuħ f'armonija mat-tiswir liturġiku tagħhom, ħlief għan-nukleju u l-orjentament meħtieġ tar-Rit.

1. *Il-jum*

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, fil-Bolla *Spes non confundit*, irid li s-Sena tal-Ġublew tibda fl-24 ta' Diċembru 2024, fis-Solennità tal-Milied tal-Mulej, bil-ftuħ tal-Bieb Imqaddes fil-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan. Il-Knejjes lokali jiċċelebraw il-ftuħ tal-Ġublew, il-Ħadd ta' wara, 29 ta' Diċembru 2024, Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

2. *Il-post*

Il-ftuħ solenni tas-Sena tal-Ġublew, isir biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, li jippresiedi l-Isqof djoċesan, fil-Knisja Katidrali, omm il-knejjes kollha tad-djoċesi. Il-Quddiesa tal-ftuħ tal-Ġublew issir darba biss fil-Katidral. Madanakollu jekk fid-djoċesi, skont in-normi tal-Liġi Kanonika, jeżisti wkoll Konkatidral, dan jista' jkun ukoll imkien fejn issir iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-ftuħ. F'dal-każ, fil-Konkatidral, l-Isqof jista' jiddelega lil xi ħadd biex jippresiedi minfloku. Iċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ ma tista' ssir f'ebda knisja oħra, lanqas f'santwarji jew knejjes insinji.

3. *Iċ-ċelebrazzjoni*

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa titqies bħala Quddiesa Stazzjonali, (ara *Cærimoniale Episcoporum*, 120) Il-presbiteri kollha, għalhekk, jikkonċelebraw mal-Isqof; id-djakni, l-akkoliti, il-letturi u l-ministri l-oħra jeżerċitaw il-ministeru tagħhom (ara *Sacrosanctum Concilium*, 26-28; *Cærimoniale Episcoporum*, 119). Il-fidili kollha għandhom ikunu mgħarrfa sewwa b'din iċ-ċelebrazzjoni.

4. Fl-isfond taċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, l-iktar sinjal importanti u partikulari tal-ftuħ tas-Sena Ġubilari, għandu jsir il-pellegrinaġġ, bid-dħul proċessjonali tal-Knisja djoċesana, miexja wara s-salib, ġewwa l-Katidral, fejn ir-ragħaj tad-djoċesi jeżerċita il-maġisteru tiegħu, jippresiedi l-misteri qaddisa, il-liturġija ta' tifħir u talb u jmexxi l-komunità ekkleżjali.

5. Il-purċissjoni għandu jkollha tliet mumenti ewlenin:
- Il-*collectio* fi knisja qrib jew f'xi post ieħor adatt jinġabru il-fidili.
- Il-pellegrinaġġ.
- Id-dħul fil-Katidral

6. *Il-collectio*

Għall-*collectio* tal-poplu ta' Alla, l-aħjar jekk tintgħażel knisja ta' importanza għall-komunità djoċesana, kbira biżżejjed biex fiha jsiru r-riti tal-bidu, u bogħod biżżejjed mill-Katidral biex ikun jista' jsir il-pellegrinaġġ.

7. Fil-*collectio*, għandu jkun hemm antifona jew kant tad-dħul, it-tislima mill-Isqof, stedina biex jitbierek u jitfaħħar Alla, eżortazzjoni, talba, it-tħabbira tal-Evanġelju u qari ta' siltiet mill-Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew ordinarju.

8. *Il-pellegrinaġġ lejn il-katidral*

Il-pellegrinaġġ jimxi lejn il-Katidral, fejn jiġi ċċelebrat Jum il-Mulej, fil-festa tal-Familja Mqaddsa, u hekk jingħata bidu għas-Sena tal-Ġublew, bħala don ta' Alla. Il-pellegrinaġġ huwa sinjal tal-mixja ta' tama tal-poplu pellegrin wara s-salib ta' Kristu kif jidher fil-Logo tal-Ġublew: "f'dinja fejn il-progress u r-rigress jixxebilku flimkien, is-Salib ta' Kristu jibqa' l-ankra tas-salvazzjoni: sinjal tat-tama li ma tqarraqx għax hi mibnija fuq l-imħabba ta' Alla, ħanin u fidil." (PAPA FRANĠISKU Udjenza ġenerali, Pjazza San Pietru – 21 ta' Settembru 2022) huwa l-mixja tal-familja mqaddsa ta' Alla, tal-Knisja illum, miexja lejn Ġerusalemm tas-sema.

9. Għalhekk jixraq li s-salib li jiftaħ il-pellegrinaġġ, ikun ta' importanza għall-komunità djoċesana, kemm minħabba l-valur storiku-artistiku tiegħu, jew għax marbut mal-pjetà poploari lokali. Għandu jkun imżejjen, u jekk ikun kbir fid-daqs, jinġarr min numru ta' persuni. Fil-katidral jitqiegħed fil-presbiterju, fejn jibqa' matul is-sena kollha tal-Ġublew qrib l-altar, biex ikun meqjum mill-Insara: fil-fatt "Il-kontenut tal-Ħobż maqsum hu s-salib ta' Ġesù, is-sagrifiċċju tiegħu f'ubbidjenza ta' mħabba lejn il-Missier." (PAPA FRANĠISKU, Ittra Appsostolika *Desiderio Desideravi*, 7)

10. Id-djaknu jġorr l-Evanġelarju, li fih jinsab it-teżor tal-kelma ħajja tal-Irxoxt, bħall-kolonna tan-nar fil-Ktieb tal-Eżodu (ara Eż 13, 21-22), miexja quddiem il-poplu, dawl u gwida għad-dixxipli tiegħu l-iktar matul din is-sena.

11. Biex isieħbu l-pellegrinaġġ huma adatti ħafna s-salmi tal-pellegrinaġġi jew tad-dħul fit-tempju, bħal ngħidu aħna, Salm 15 (14 ("Mulej, min jgħammar fid-

dar tiegħek?"), Salm 24 (23) ("Tal-Mulej hi l-art u kulma fiha."), Salm 84 (83) ("Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!") Salm 95 (94) ("Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej."), siltiet minn Salm 118 (117), bi vrus bħad-19, l-20 u s-27, li jindikaw purċissjoni ritwali, Salm 122 (121) ("Fraħt meta qaluli...") u Salm 136 (135) ("Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb."). Tista' wkoll titkanta l-Litanija tal-qaddisin, minħabba l-użu proċessjonali tagħha.

12. *Id-dħul fil-Katidral*

Il-poplu ta' Alla jidħol fil-Katidral mill-bieb ewlieni (il-kbir), sinjal ta' Kristu (ara Ġw 10, 9). Fuq l-għatba, l-Isqof jgħolli s-salib u waqt li jħares lejn il-ġemgħa, jistieden lill-poplu biex iqimu, bl-akklamazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira: "Għuda ħelwa li fuqha ġie mdendel is-Salvatur tad-dinja (Innu tal-Ġimgħa l-Kbira "Il-Passjoni tal-Mulej"). (Salib, sinjal ta' mħabba, int l-aqwa fost is-siġar: m'hemmx oħra tixbah lilek fil-frott, fil-ward u l-weraq!)

13. Malli jidħlu fil-Katidral, l-Isqof, mal-ministri, jmur ħdejn il-fonti tal-Magħmudija minn fejn imexxi r-rit tat-tifkira tal-Magħmudija, filwaqt li l-ġemgħa ssib postha fil-Katidral, iħarsu lejn il-fonti. Jekk kemm-il darba t-tifkira tal-Magħmudija ma tkunx tista' ssir ħdejn il-fonti, tista ssir fil-presbiterju. L-Isqof, mal-ministri, ikompli miexi lejn l-altar u l-fidili jsibu posthom. Isir it-tirxix bl-ilma, it-tifkira ħajja tal-Magħmudija, il-bieb tad-dħul fil-mixja tal-ħajja sagramentali u fil-Knisja. Fil-fatt, il-Magħmudija, hija "l-ewwel sagrament tal-Patt il-Ġdid, li bih il-bnedmin jissieħbu fil-fidi ma' Kristu u jaqilgħu l-Ispirtu tal-adozzjoni ta' wlied; jiġu msejħa biex isiru tassew ulied Alla. Magħqudin ma' Kristu, b'mewt u b'qawmien jixbah lil tiegħu, ikollhom sehem fil-ġisem tiegħu; immarkati bid-dilka tal-Ispirtu, isiru tempju qaddis ta' Alla, membri tal-Knisja, rimja magħżula, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis poplu li Alla kiseb għalih." (Ktieb tal-Barkiet).

14. Jekk il-Battisterju qiegħed barra l-Katidral, it-tifkira tal-Magħmudija ssir qabel id-dħul solenni.

15. *Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa*

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa hija l-qofol tar-Rit tal-ftuħ tas-Sena tal-Ġublew għax hija "azzjoni ta' Kristu u tal-poplu ta' Alla, li hu organizzat f'ordni ġerarkiku, hija l-qalba tal-ħajja Nisranija kollha, kemm għall-Knisja universali, għal dik lokali, kif ukoll għall-fidili kollha, għax fil-Quddiesa tinsab il-quċċata kemm tal-ħidma li biha Alla, permezz ta' Kristu, iqaddes id-dinja, kif ukoll tal-qima li l-bnedmin jagħtu lill-Missier, li jadurawh permezz ta' Kristu, l-Iben ta' Alla, fl-Ispirtu s-Santu." (Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 16). Il-Quddiesa ssir bħas-soltu, u jintużaw it-talbiet tal-Quddiesa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù,

Marija u Ġużeppi. Għandu jsir minn kollox biex għall-Quddiesa jkun imħejji kulma hu meħtieġ, anke s-sehem tal-ministri fit-tħejjija tal-kant, tat-talb tal-fidili, tal-purċissjoni bl-offerti, u jekk ikun hemm il-ħsieb li jsiru, ta' xi monizzjonijiet qosra.

16. *Fis-sagristija tal-knisja minn fejn se jibda l-pellegrinaġġ*

Fis-Sagristija tal-Knisja li minnha se jibda l-pellegrinaġġ għall-Katidral jitħejja dan li ġej:

- l-ilbies liturġiku għall-Isqof, għall-presbiteri li se jikkonċelebraw, għad-djakni u għall-ministri l-oħra;
- il-kappa (ta' kulur abjad) għall-Isqof (il-pjaneta jilbisha minflok il-kappa fil-Katidral;
- is-salib tal-purċissjonijiet u l-kandlieri bix-xemgħat;
- l-Evanġelarju;
- iċ-ċensier bil-faħam;
- torċi jew xemgħat għall-ġemgħa, skont id-drawwa tal-post, iktar u iktar jekk iċ-ċelebrazzjoni ssir wara nżul ix-xemx.

## RITI TAL-FTUĦ

17. Fid-29 ta' Diċembru, Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù. Marija u Ġużeppi, fil-ħin miftiehem, il-ġemgħa tal-fidili tinġabar fi knisja qrib jew f'xi mkien ieħor xieraq, barra mill-knisja katidrali, li lejha se jimxu f'pellegrinaġġ. Jekk iċ-ċelebrazzjoni ssir wara nżul ix-xemx, jistgħu jintużaw xemgħat jew torċi mixgħula.

18. Il-ministri jilbsu l-ilbies tal-Quddiesa, ta' kulur abjad. L-Isqof jilbes kappa ta' kulur abjad, li mbagħad, jibdel wara l-wasla tal-pellegrinaġġ.

19. Waqt li l-Isqof u l-ministri jaslu fil-post imħejji għalihom, jista' jitkanta l-Innu tal-Ġublew jew kant ieħor adatt.

20. L-isqof, b'wiċċu lejn in-nies, jgħid:
**Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.**

Kulħadd iwieġeb:
Ammen.

Imbagħad isellem lill-ġemgħa:
**Alla tat-tama,**
**li fil-Verb tiegħu magħmul bniedem**
**jimliena b'kull hena u sliem fil-fidi,**
**bil-qawwa tal-Ispirtu s- Santu,**
**ikun magħkom ilkoll.**

Kulħadd iwieġeb:
U miegħek ukoll.

21. L-Isqof jistieden lill-ġemgħa biex tbierek u tfaħħar lil Alla: Salm 32, 20-22

℣. **Ruħna tixxennaq għall-Mulej, hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.**
℟. Imbierek il-Mulej, it-tama tagħna.
℣. **Fih jinsab l-hena ta' qalbna, fl-isem qaddis tiegħu t-tama tagħna.**
℟. Imbierek il-Mulej, it-tama tagħna.
℣. **Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna.**
℟. Imbierek il-Mulej, it-tama tagħna.

Jew

℣. **Imbierek il-Missier, li bgħatilna lil Ibnu sinjal ta' tama,**
**u sagrament tal-fidwa għall-bnedmin kollha.**
℟. Imbierek il-Mulej, it-tama tagħna.

℣. **Imbierek l-Iben, imwieled minn Marija Verġni,**
**li fetħilna l-bieb tat-tama u tal-ħajja l-ġdida.**
℟. Imbierek il-Mulej, it-tama tagħna.
℣. **Imbierek l-Ispirtu s-Santu, li wera lilu nnifsu fl-Inkarnazzjoni,**
**u fil-Magħmudija għamilna werrieta tat-tama u tal-ħajja ta' dejjem.**
℟. Imbierek il-Mulej, it-tama tagħna.

22. Imbagħad, l-Isqof ikellem lill-ġemgħa b'dan il-kliem:

**L-aħwa għeżież,**
**il-Misteru tal-Inkarnazzjoni tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu,**
**imħares fil-komunjoni ta' mħabba**
**tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret,**
**jimliena bl-hena u b'tama żgura.**
**F'għaqda sħiħa mal-Knisja kollha, imxerrda mad-dinja,**
**filwaqt li niċċelebraw l-imħabba tal-Missier**
**li ntweritilna meta Ibnu sar bniedem bħalna,**
**u fis-sinjal tas-salib, ankra ta' salvazzjoni,**
**niftħu b'solennità kbira,**
**is-Sena tal-Ġublew għall-Knisja tagħna f'Malta/Għawdex.**
**Dan ir-rit huwa l-bidu**
**ta' esperjenza għanja ta' grazzja u ta' ħniena;**
**dejjem lesti biex inwieġbu lil kull min jistaqsina**
**dwar ir-raġuni tat-tama li tinsab fina,**
**l-iktar f'dan iż-żmien ta' gwerer u diżordni.**
**Kristu, is-sliem u t-tama tagħna,**
**jissieħeb magħna f'dan il-vjaġġ,**
**f'din is-sena ta' grazzja u ta' faraġ.**
**L-Ispirtu s-Santu, li llum,**
**jibda fina u magħna din il-ħidma,**
**iwassalha sat-tmiem**
**meta sseħħ għal kollox fil-jum ta' Kristu Ġesù.**

23. Xħin tintemm l-eżortazzjoni, wara waqfa qasira ta' skiet, l-Isqof jgħid din it-talba:

**Missier,**
**tama li ma tqarraqx,**
**bidu u tmiem ta' kollox,**
**bierek il-bidu ta' dan il-pellegrinaġġ**
**li se nimxu wara s-salib ta' Ibnek,**
**f'dan iż-żmien ta' grazzja;**
**dewwi l-ġrieħi tal-qlub maqsuma,**
**ħoll il-ktajjen, li jżommuna lsiera tad-dnub**

**u ħabsin tal-mibgħeda,**
**u agħti lill-poplu tiegħek, il-ferħ tal-ispirtu,**
**biex ilkoll nimxu b'tama mġedda**
**lejn ix-xewqa ta' qalbna,**
**Ibnek u Sidna Ġesù Kristu**
**li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**
℟. Ammen.

24. Imbagħad, id-djaknu jħabbar l-Evanġelju bħas-soltu, wara li jkun talab il-barka mingħand l-Isqof, li jkun tefa' l-inċens fuq il-faħam bħal fil-Quddiesa.

## EVANĠELJU

*Emmnu f'Alla u emmnu fija wkoll; jiena t-triq, il-verità u l-ħajja.*

✠ **Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** **14, 1-7**

**F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:**
**1 "Tħallux qalbkom titħawwad!**
**Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll.**
**2 Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet;**
**li ma kienx hekk, kont ngħidilkom.**
**Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu.**
**3 U meta mmur u nħejjilkom post,**
**nerġa' niġi biex neħodkom miegħi**
**biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.**
**4 U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha."**
**5 Tumas qallu:**
**"Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer.**
**Kif nistgħu nafu t-triq?"**
**6 Wieġbu Ġesù:**
**"Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.**
**Ħadd ma jmur għand il-Missier**
**jekk mhux bija.**
**7 Kieku għaraftu lili,**
**kontu tagħrfu wkoll lil Missieri.**
**Minn issa 'l quddiem tagħrfuh,**
**anzi diġà rajtuh."**

**Il-Kelma tal-Mulej.**
℟. Tifħir lilek, Kristu.

25. Wara li jitħabbar l-Evanġelju, jitħalla ftit ħin ta' skiet. Imbagħad qarrej, jaqra xi siltiet mill-Bolla tal-indizjoni tal Ġublew Ordinarju. Jistgħu jintgħażlu xi paragrafi minn dawn li ġejjin:

**Mill-Bolla tal-Indizjoni tal-Ġublew Ordinarju 2025**
*Spes non confundit* (1; 3; 7; 25)

1 **"*Spes non confundit*", "it-tama ma tqarraqx"** (Rum 5, 5). **F'isem it-tama l-Appostlu Pawlu jimla bil-kuraġġ lill-komunità Nisranija ta' Ruma. It-tama hi wkoll il-messaġġ ewlieni tal-Ġublew li jmiss, li skont tradizzjoni antika l-Papa jsejjaħ kull ħamsa u għoxrin sena. Jiġuni f'moħħi l-pellegrini tat-tama kollha li se jiġu Ruma biex jgħixu s-Sena Mqaddsa u dawk li, għalkemm ma jistgħux jiġu fil-belt tal-Appostli Pietru u Pawlu, se jiċċelebrawh fil-Knejjes partikulari. Għal kulħadd, ħa jkun dan mument ta' laqgħa ħajja u personali mal-Mulej Ġesù, "bieb" tas-salvazzjoni** (ara Ġw 10, 7,9)**; miegħu, li l-Knisja għandha l-missjoni li xxandar dejjem, kullimkien u lil kulħadd bħala t-"tama tagħna"** (1 Tim 1, 1). **Kulħadd jittama. Fil-qalb ta' kull persuna hemm it-tama bħala xewqa u stennija ta' ġid, imqar jekk ma nafux għada x'se jġib miegħu. Minkejja dan, l-imprevedibbiltà tal-futur tqanqal sentimenti xi drabi kontra xulxin: mill-fiduċja għall-biża', mis-serenità għall-iskumdità, miċ-ċertezza għad-dubju. Ta' spiss niltaqgħu ma' persuni qalbhom maqtugħa, li jħarsu lejn il-ġejjieni b'xettiċiżmu u pessimiżmu, bħallikieku xejn ma jista' joffrilhom il-ferħ. Jalla l-Ġublew ikun għal kulħadd okkażjoni li terġa' tqanqal fina t-tama.**

3 **It-tama titwieled mill-imħabba u tissejjes fuq l-imħabba li tgelgel mill-Qalb ta' Ġesù minfuda fuq is-salib: "Jekk meta konna għadna għedewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu, kemm iktar issa, li aħna ħbieb miegħu, insalvaw permezz tal-ħajja tiegħu?"** (Rum 5, 10). **U l-ħajja tiegħu tidher fil-ħajja tal-fidi tagħna, li tibda bil-Magħmudija, tikber fid-doċilità għall-grazzja ta' Alla, u għalhekk hi animata mit-tama, dejjem imġedda u msaħħa mill-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu b'mod li ma tiġġarrafx.**

**Fil-fatt huwa l-Ispirtu s-Santu, u l-preżenza dejjiema tiegħu fil-mixja tal-Knisja, li jsawwab fuq dawk li jemmnu d-dawl tat-tama: hu jżommha mkebbsa bħal musbieħ li qatt ma jintefa, biex twieżen u tħeġġeġ lill-ħajja tagħna. Fil-verità, it-tama Nisranija ma tilludix u ma tiddeludix, għax hi mibnija fuq iċ-ċertezza li xejn u ħadd ma jista' qatt jifridna mill-imħabba ta' Alla.**

7 **Barra li niksbu t-tama fil-grazzja ta' Alla, aħna msejħin niskopruha mill-ġdid anki fis-sinjali taż-żminijiet li l-Mulej joffrilna. Kif jistqarr il-Konċilju Vatikan II, "huwa dmir tal-Knisja li l-ħin kollu teżamina s-sinjali taż-żminijiet u tinterpretahom fid-dawl tal-Evanġelju, u hekk, b'manjiera addattata għal**

**kull ġenerazzjoni, tkun tista' twieġeb għal dak li l-bnedmin dejjem jistaqsu dwar is-sens tal-ħajja ta' issa u tal-ħajja li għad trid tiġi, u kif dawn għandhom x'jaqsmu ma' xulxin". Għalhekk, hemm bżonn inkunu għajnejna miftuħa għal ħafna tajjeb preżenti fid-dinja biex ma naqgħux fit-tentazzjoni li naħsbu li aħna mirbuħin mill-ħażen u mill-vjolenza. Imma s-sinjali taż-żminijiet, li fihom hemm ix-xenqat tal-qalb tal-bniedem, li jeħtieġ il-preżenza salvifika ta' Alla, iridu jiġu mibdula f'sinjali ta' tama.**

25 **Inħallu minn issa t-tama tiġbidna lejha u, permezz tagħna, iddakkar lil dawk kollha li jixtequha. Ħa nkunu nistgħu ngħidulhom bil-ħajja tagħna: "Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek; ittama fil-Mulej"** (Salm 27, 14). **Ħa timla l-qawwa tat-tama l-preżent tagħna, fl-istennija fiduċjuża tal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu, li lilu kull ġieħ u glorja issa u għal dejjem ta' dejjem.**

26. Xħin jintemm il-qari, l-Isqof jerġa' jitfa' l-inċens fuq il-faħam fiċ-ċensier u d-djaknu jagħti bidu għall-pellegrinaġġ b'dan il-kliem:

**L-aħwa għeżież, nimxu f'isem Kristu:**
**it-triq li twassalna għand il-Missier,**
**il-verità li teħlisna,**
**il-ħajja li tirbaħ il-mewt.**

27. Imbagħad jibda l-pellegrinaġġ lejn il-Katidral fejn se ssir il-Quddiesa. Jimxi l-ewwel il-ministru biċ-ċensier idaħħan, imbagħad is-salib imżejjen, mal-ministri bix-xemgħat jew torċi mixgħula fuq kull naħa; imbagħad jimxi d-djaknu bl-Evanġelarju, l-Isqof, u warajh, is-saċerdoti u l-ministri l-oħra u l-fidili, li, jekk ikunu se jintużaw, iżommu f'idhom ix-xemgħat mixgħula.

Waqt il-pellegrinaġġ, il-kor u l-ġemgħa jkantaw il-Litanija tal-Qaddisin jew kant ieħor adatt jew xi Salmi (ara Appendiċi pp. XX) b'dawn l-Antifoni bħala responsorji.

Antifona — Ara Lhud 13, 8.20

Ġesù Kristu il-bieraħ, illum u dejjem.
Lilu ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.

Antifona — Ara Żakk 2, 14

Ifraħ, Verġni, bint Sijon;
minnek twieled Kristu, ix-xemx tal-ġustizzja.
Għalik tiddi il-fidwa tad-dinja.

Antifona — Ap 15, 3

Kbar u tal-għaġeb l-għemejjel tiegħek
Mulej, li tista' kollox,
ġusti u veri t-triqat tiegħek, Sultan tal-ġnus.

28. Meta l-pellegrinaġġ jasal fil-katidral, il-pellegrini kollha jidħlu mill-bieb ewlieni. Iżda qabel jidħlu, l-Isqof, jieqaf fuq l-għatba tal-bieb il-kbir, jieħu s-salib li jkun inġarr waqt il-mixja (jekk ikun jinħtieġ, jgħinuh xi ministri), jerfgħu ʼil fuq u jurih lill-ġemgħa u jisteden għall-qima b'din l-akklamazzjoni jew oħra tixabahha:

Sliem salib ta' Kristu, tama waħdanija.

U l-ġemgħa twieġeb:

Inti t-tama tagħna; qatt ma nitfixklu għal dejjem.

Jew

L-Isqof (jew kantur):

Sliem għalik o salib tama tagħna,
fik il-ħlewwa tat-tama iddiet,
fik l-imħabba u l-ħniena ingħaqdu,
fik il-fidwa mal-mewt intweriet.

Il-Kor:

Fuq dirgħajk dirgħajh saru għalina
it-tgħanniqa tal-maħfra u s-sliem;
dak l-għemil tqil u għani fl-imħabba
ġab ir-rebħa li mhix frott il-kliem.

Il-Ġemgħa:

Sliem għalik o salib tama tagħna,
fik il-ħlewwa tat-tama iddiet,
fik l-imħabba u l-ħniena ingħaqdu,
fik il-fidwa mal-mewt intweriet.

Il-Kor:

Sirt sinjal għal min jemmen u jafda
li t-tiġrib li fih bed' għad jintemm;
għaliex fuqek Bin Alla imsallab
id-dejn feda u ħassar kull hemm.

Il-Ġemgħa:

Sliem għalik o salib tama tagħna,
fik il-ħlewwa tat-tama iddiet,
fik l-imħabba u l-ħniena ingħaqdu,
fik il-fidwa mal-mewt intweriet.

Il-Kor:

Ġieħ lil Alla, l-Missier ta' kull tama,
u lil Ibnu, li b'mewtu tqawwiet,
lill-Ispirtu, li b'nifsu jseddaqha,
biex fil-milja sseħħ żgur fis-smewwiet.

Il-Ġemgħa:
Sliem għalik o salib tama tagħna,
fik il-ħlewwa tat-tama iddiet,
fik l-imħabba u l-ħniena ingħaqdu,
fik il-fidwa mal-mewt intweriet.

Imbagħad, l-Isqof jagħti lura s-salib lil dawk li kienu jġorruh u jdaħħluh fil-Katidral, u jqiegħduh fil-post imħejji għalih. L-isqof mal-ministri, jersaq lejn il-battisterju, minn fejn jippresiedi t-tifkira tal-Magħmudija, filwaqt li l-ġemgħa tidħol warajh, issib postha fil-Katidral u jħarsu lejn il-battisteru. L-isqof jistieden għat-talb b'dan il-kliem jew ieħor jixbhu:

**L-aħwa għeżież,**
**nerfgħu qlubna lejn il-Mulej, Alla tagħna**
**biex ibierek dan l-ilma, ħolqien tiegħu,**
**u li bih se niġu mraxxa,**
**b'tifkira tal-magħmudija tagħna.**
**Il-Mulej iġeddilna l-ispirtu u r-ruħ tagħna.**

Kulħadd jitlob għal ftit ħin fis-skiet. Imbagħad l-Isqof, b'idejh mgħaqqda flimkien, ikompli:

**Mulej, Alla li tista' kollox,**
**għajn u bidu ta' kull ħajja,**
**bierek ✠ dan l-ilma,**
**li se nroxxu fuqna,**
**aħna u nafdaw fil-ħniena tiegħek**
**li taħfrilna dnubietna,**
**tħarisna minn kull mard u mit-tnassis tal-ħażin**
**u tagħtina l-grazzja tal-ħarsien tiegħek.**
**Fil-ħniena tiegħek, Mulej, agħtina,**
**l-ilma mill-għajn li tnixxi sal-ħajja ta' dejjem**
**biex, meħlusin minn kull tiġrib, tar-ruħ u tal-ġisem,**
**nistgħu niġu għandek b'qalb safja.**
**Bi Kristu Sidna.**
℟. Ammen.

29. L-Isqof iroxx l-ilma mbierek fuqu nnifsu u fuq il-ministri. Imbagħad, miexi wara d-djaknu bl-Evanġelarju u s-salib, jgħaddi mill-korsija jroxx l-ilma mbierek fuq il-ġemgħa u fuq il-konċelebranti. Sadattant jitkantaw l-antifoni li ġejjin jew kant ieħor adatt:

Antifona — Ara Salm 50, 9

Roxxni bl-ilma u nissaffa;
aħsilni u aktar mis-silġ nibjad.

Antifona Ara Salm 50, 9

Roxxni, Mulej, bil-frieghi tal-issopu;
aħsilni u aktar mis-silġ nibjad.

Antifona Ara Eże 36, 25-26

"Inroxxkom b'ilma safi u tissaffew";
Insaffikom mit-tinġis kollu tagħkom
"u nagħtikom qalb ġdida", jgħid il-Mulej.

30. L-Isqof, mal-ministri, jimxi lejn il-presbiterju fejn jibdel il-kappa mal-pjaneta. Xħin id-djaknu jasal ħdejn l-altar, iqiegħed fuqu l-Evanġelarju. Is-salib jitqiegħed qrib l-altar, fejn jidher sewwa, fejn jibqa' matul is-sena kollha tal-Ġublew biex ikun miqjum mill-poplu ta' Alla. Importanti li, fuq u qrib l-altar, ikun hemm biss dan is-salib wieħed. L-Isqof ibus l-altar u jinċensah, u jinċensa s-salib; imbagħad imur fil-katedra. F'dan il-ħin, wara l-antifoni tat-tirxix, jistgħu jitkantaw xi antifoni ta' żmien il-Milied jew innijiet oħra adatti jew tindaqq mużika strumentali.

Jekk il-Battisterju jinsab barra mill-knisja, it-tifkira tal-Magħmudija ssir qabel id-dħul fil-Katidral. Jekk din it-tifkira ma tistax issir ħdejn il-Battisterju, l-Isqof mal-ministri jimxi lejn il-presbiterju waqt li l-ġemgħa tal-fidili ssib postha fil-knisja. Xħin id-djaknu jasal ħdejn l-altar, iqiegħed fuqu l-Evanġelarju. Is-salib jitqiegħed qrib l-altar, fejn jidher sewwa. L-Isqof, jimxi lejn il-presbiterju u xħin jasal, jibdel il-kappa mal-pjaneta, imbagħad ibus l-altar u jinċensah, u jinċensa s-salib; imbagħad imur fil-katedra. Tinġieb quddiem l-Isqof satla bl-ilma u hu jbierku u jraxxax bih, lilu nnifsu u lill-ministri, lill-konċelebranti u lill-ġemgħa, kif muri fil-paragrafu ta' qabel dan. F'dal-kas, id-djaknu ma jimxix quddiemu bl-Evamġelarju. Xħin jerġa' lura fil-katedra, l-Isqof jgħid:

**Alla li jista' kollox, isaffina minn dnubietna**
**u b'din iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa**
**jagħtina li nieħdu sehem fil-mejda tas-saltna tiegħu.**
℟. Ammen.

32. Imbagħad titkanta l-Glorja. Iċ-ċelebrazzjoni tkompli bħas-soltu, bit-testi tal-Quddiesa tal-festa tal-Familja Mqaddsa, ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

# RITI TAL-GĦELUQ TAS-SENA TAL-ĠUBLEW FIL-KNEJJES LOKALI

## PREMESSI

Ir-Rit tal-għeluq tas-sena tal-Ġublew tas-sena 2025, fil-Knejjes Lokali, jgħodd għall-knejjes tar-Rit Ruman.

Il-Knejjes Orjentali jistgħu, jekk jixtiequ, ifasslu ir-Rit tal-għeluq f'armonija mat-tiswir liturġiku tgaħhom, ħlief għan-nukleju u l-orjentament meħtieġ tar-rit.

1. *Il-jum*

Il-Qdusija tiegħu il-Papa Franġisku, fil-Bolla *Spes non confundit*, irid li s-Sena tal-Ġublew tintemm fil-knejjes lokali, il-Ħadd, 28 ta' Diċembru 2025, Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

2. *Il-post*

L-għeluq tas-Sena tal-Ġublew isir biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa li jippresiedi l-Isqof djoċesn fil-Knisja Katidrali, omm il-knejjes kollha tad-djoċesi. Il-Quddiesa tal-għeluq tal-Ġublew issir darba biss fil-Katidral. Madanakollu jekk fid-djoċesi, skont in-normi tal-Liġi Kanonika, jeżisti wkoll Konkatidral, dan jista' jkun ukoll post fejn issir iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-għeluq. F'dal-każ, fil-Konkatidral, l-Isqof jista' jiddelega lil xi ħadd biex jippresiedi minfloku. Iċ-ċelebrazzjoni tal-għeluq ma tista' ssir f'ebda knisja oħra, fosthom santwarji jew knejjes insinji.

3. *Iċ-ċelebrazzjoni*

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa titqies bħala Quddiesa Stazzjonali, (ara *Cærimoniale Episcoporum*, 120) Il-presbiteri kollha, għalhekk, jikkonċelebraw mal-Isqof; id-djakni, l-akkoliti, il-letturi u l-ministri l-oħra jeżerċitaw il-ministeru tagħhom (ara *Sacrosanctum Concilium*, 26-28; *Cærimoniale Episcoporum*, 119). Il-fidili kollha għandhom ikunu mgħarrfa sewwa b'din iċ-ċelebrazzjoni. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandha tkun okkażjoni ta' radd il-ħajr lill-Mulej għal kulma għamel matul din is-sena speċjali ta' talb u ta' konverżjoni.

Għall-Quddiesa għandha tingħata iktar attenzjoni:

- għaċċ-ċentralità tas-salib tal-Ġublew;
- għat-talba universali;
- għall-preżentazzjoni tal-offerti għall-Ewkaristija;
- għat-tqarbin biż-żewġ speċi;

- għall-kant ta' ringrazzjament wara t-tqarbin;
- għat-talba fuq il-poplu jew il-barka solenni;
- għar-rit tal-għeluq.

4. *Is-Salib tal-Ġublew*

Is-salib li kien inġarr waqt il-pellegrinaġġ tal-ftuħ tas-Sena tal-Ġublew u li tqiegħed għall-qima matul is-sena kollha qrib l-altar, tkun imżejjen bil-fjuri kif inhu xieraq.

5. *It-talba tal-fidili*

Biex ikompli mat-talb u t-tifħir li l-poplu ta' Alla refa' lejn Alla matul is-Sena Ġubilari, it-talba tal-fidili tiġbor l-intenzjonijiet tal-ġemgħa li titlob għall-Knisja u għad-dinja kollha. Ir-rit jipproponi formularju wieħed; minkejja dan, jixraq li kull komunità tħejji talba tal-fidili mqanqla mill-esperjenza spiritwali u komunitarja, li l-poplu jkun għex matul is-Sena tal-Ġublew. Fil-forma li qed tiġi ssuġġerita, id-djaknu jħabbar l-intenzjoni tat-talba; imbagħad jitħallew waqtiet ta' skiet u l-qarrej jaqra l-formula tat-talba, li għaliha l-kor u l-ġemgħa jwieġbu bil-kant.

6 *Il-preżentazzjoni tal-offerti*

Fil-purċissjoni bl-offerti, xi wħud mill-fidili jtellgħu l-ħobż u l-inbid. Fl-ispirtu tal-Ġublew, sena li matulha kull riżorsa ġiet imqassma, biex ħadd ma jkun nieqes mill-meħtieġ, l-attenzjoni għall-foqra, tista' ssir konkreta, billi l-komunità tkun iktar issensibilizzata għal għemil konkret ta' karità li jibqa' jtul anke wara l-għeluq tas-Sena Ġubilari. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni tippredisponi li, fil-preżentazzjoni tal-offerti, ikun hemm ukoll għotjiet għall-foqra (ara Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 73).

7. *It-tqarbin biż-żewġ speċi*

Jixraq li t-tqarbin isir biż-żewġ speċi. "f'din il-forma li turina aħjar ir-relazzjoni li hemm bejn l-ikla ewkaristika u l-ikla eskatoloġika fis-Saltna tal-Missier" (Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 281).

8. *Il-kant ta' radd il-ħajr*

Wara t-Talba ta' Wara t-Tqarbin, l-Isqof iħeġġeġ lill-ġemgħa tal-fidili biex ibierku lill-Mulej għall-grazzja tas-Sena tal-Ġublew u għall-indulġenza. Imbagħad jitkanta innu ta' ringrazzjament.

9 *It-talba fuq il-poplu jew il-barka solenni u d-djaknu jibgħat lill-ġemgħa*

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tintemm bit-Talba Fuq il-Poplu jew bil-Barka Solenni. It-testi jfakkru t-temi tas-Sena Ġubilari u jsejħu fuq il-poplu l-qawwa

tal-għajnuna ta' Alla, biex, hi u tintemm l-esperjenza tal-Ġublew, il-komunità Nisranija, li ġarrbet il-maħfra, tista' terġa' lura għall-ħajja ta' kuljum, imqanqla bil-grazzja ta' żmien partikulari ta' talb qrib il-Mulej.

Id-djaknu jibgħat lill-ġemgħa bil-kliem meħud mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru, li jiġbor fih iil-ħsieb ta' xhieda tal-fidi, tat-tama u tat-tisħib tal-ħajja mal-misteru li jkun għadu kemm ġie ċċelebrat.

## RIT TAL-GĦELUQ TAS-SENA TAL-ĠUBLEW

Issir il-Quddiesa tal-Festa tal-Familja mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

10. Fil-ħin mifthiem, il-ġemgħa tinġabar fil-katidral. Meta kulħadd ikun inġabar, l-Isqof, il-konċelebranti, id-djakni, lebsin l-ilbies liturġiku ta' kulur abjad, jimxu lejn il-presbiterju. Il-ġemgħa tkanta l-Innu tal-Ġublew jew kant ieħor xieraq.

11. L-Isqof ibus l-altar u jinċensah bħas-soltu. Imabagħd imur fil-katedra u jgħid:

**Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.**

Kulħadd iwieġeb:

Ammen.

Imbagħad isellem lill-ġemgħa:

**Alla tat-tama,**
**li fil-Verb tiegħu magħmul bniedem**
**jimliena b'kull hena u sliem fil-fidi,**
**bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu,**
**jkun magħkom ilkoll.**

Kulħadd iwieġeb:

U miegħek ukoll.

12. L-Isqof jistieden lill-ġemgħa għaċ-ċelebrazzjoni b'dan il-kliem:

**Ħuti għeżież,**
**Għadna kemm għixna flimkien is-Sena tal-Ġublew,**
**(li laħqet il-qofol tagħha fil-pellegrinaġġ djoċesan ġewwa Ruma).**
**Ħaġa waħda flimkien bħala poplu wieħed**
**raddejna ħajr lil Alla, faħħarnih**
**u ressaqna quddiemu t-talb tagħna,**
**magħqudin ma' dawk kollha**
**li m'għandhomx leħen quddiem il-bnedmin,**
**iżda, li l-Missier jisma',**
**għax jagħrafhom bħala wliedu l-aktar għeżież:**
**il-morda, l-anzjani, il-ħabsin, il-foqra.**

**Bl-indulġenza tal-Ġublew,**
**il-Mulej xerred fuqna għajn ta' grazzja u barka.**
**F'qalb kulħadd nissel it-tama u s-sliem tiegħu;**
**saħħaħ id-dirgħajn dgħajfa,**
**waqqaf ir-rogħda fl-irkupptejn tal-beżgħana,**

**u, lil kull wieħed u waħda minna, qalilna**
**biex nagħmlu kuraġġ u ma nibżgħux!**

**Imġeddin b'din l-esperjenza ta' ħniena**
**u moħjijin bil-laqgħa tagħna miegħu,**
**illum bħala komunità djoċesana, ragħaj u merħla,**
**waqt li niċċelebraw il-qdusija tal-Familja ta' Nazaret,**
**ejjew inroddulu ħajr f'din l-Ewkaristija,**
**u, għal darb'oħra, nagħrfu ħtijietna**
**u nitolbuh maħfra.**

Wara waqfa qasira ta' skiet, id-djaknu jew ministru ieħor, ikanta dawn l-invokazzjonijiet:

**Mulej, li tqanqal il-fidi, Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, li tħeġġeġ it-tama, Kristu, ħniena (Christe, eléison).**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, li tnissel l-imħabba, Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

Jew:

**Mulej, Iben Alla, li twelidt minn Marija Verġni u sirt ħuna,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, Iben il-bniedem, li tagħraf u tifhem**
**id-dgħufija tagħna, Kristu, ħniena (Christe, eléison).**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, Iben waħdieni tal-Missier li ġmajtna f'familja waħda,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

L-Isqof jagħlaq u jgħid:

**Alla li jista' kollox, ikollu ħniena minna,**
**jaħfrilna dnubietna,**
**u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.**
℟. Ammen.

Imbagħad titkanta l-Glorja u l-Quddiesa tkompli bħas-soltu.

## TALBA UNIVERSALI JEW TALBA TAL-FIDILI

13. Wara l-Omelija, jitħalla ftit ħin ta' skiet, jitkanta jew jingħad il-Kredu. Imbagħad issir din it-Talba tal-Fidili jew oħra mħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-lum:

**L-aħwa għeżież,**
**wara li smajna l-Kelma tas-salvazzjoni,**
**nerfgħu it-talba tagħna**
**lejn il-Missier bi Kristu Ibnu**
**magħqudin u mnebbħin mill-Ispirtu s-Santu.**

Djaknu:
**Nitolbu għall-Knisja.**

Issir waqfa qasira ta' skiet, u wara, il-qarrej/ja jaqra/taqra t-talba:
Biex il-Knisja tħares il-ħidma tas-salvazzjoni,
u tħabbar lil kulħadd bil-kelma u bl-għemil
il-fidi fil-Mulej li qam mill-mewt. ℟.

Djaknu:
**Nitolbu għad-dinja kollha.**

Issir waqfa qasira ta' skiet, u wara, il-qarrej/ja jaqra/taqra t-talba:
Biex id-dinja, mqanqla mill-imħabba tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem,
ma ċċedi qatt għat-theddid tal-armamenti,
iżda tfittex l-armonija tal-ftehim u tas-sliem. ℟.

Djaknu:
**Nitolbu għall-imġarrbin.**

Issir waqfa qasira ta' skiet, u wara, il-qarrej/ja jaqra/taqra t-talba:
Għall-imġarrbin kollha, biex qatt ma jħossuhom mitluqa,
imma jġarrbu fi qlubhom
id-don tat-tama Nisranija. ℟.

Djaknu:
**Nitolbu għall-familji.**

Issir waqfa qasira ta' skiet, u wara, il-qarrej/ja jaqra/taqra t-talba:
Għall-familji kolha, biex fuq l-eżempju tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
jilqgħu il-ħidma ta' Alla,
li jsejħilna kuljum biex ngħixu b'imħabba ġdida. ℟.

Djaknu:
**Nitolbu għall-komunità djoċesana tagħna.**

Issir waqfa qasira ta' skiet, u wara, il-qarrej/ja jaqra/taqra t-talba:
Għall-membri kollha tad-djoċesi tagħna, imsaħħa bil-qawwa tal-maħfra,
biex issa, li tħarrġu fil-grazzja tas-Sena Ġubilari,
jistgħu jimxu felħana wara l-Evanġelju. ℟.

L-Isqof itemm it-talba u jgħid:
**Missier,**
**f'din is-Sena tal-Ġublew,**
**ftaħt għall-Knisja tiegħek,**
**it-triq tas-salvazzjoni**
**u mlejt lill-poplu fidil tiegħek**
**bit-tama li ġejja mingħandek.**
**Ilqa l-intenzjonijiet tajba tagħna**
**u agħtina li jseħħu x-xewqat tagħna**
**li ndawru qlubna lejk u nikkonvertu,**
**biex insiru xhieda tassew tal-Evanġelju.**
**Bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu,**
**mexxi l-passi tagħna**
**lejn it-tama hienja li narawk wiċċ imb wiċċ,**
**f'Ġerusalemm tas-sema,**
**fejn is-saltna tiegħek tilħaq il-milja perfetta tagħha**
**u kollox iseħħ fi Kristu Ibnek,**
**li miegħek u mal-Ispirtu s-Santu,**
**jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**
℟. Ammen.

## RITI TAT-TQARBIN

14. L-Isqof jistieden għall-kant tal-Missierna u jkompli bil-kant l-emboliżmu: Eħlisna, nitolbuk, Mulej. Il-ġemgħa twieġeb bil-kant, l-akklamazzjoni: Għax tiegħek.

## KANT TA' RADD IL-ĦAJR

15. Fi tmiem it-Talba ta' Wara t-Tqarbin, l-Isqof jistieden lill-ġemgħa għall-kant ta' radd il-ħajr b'dan il-kliem:

**L-aħwa għeżież,**
**fi tmiem is-Sena tal-Ġublew**
**jenħtieġ li ngħaqqdu leħinna mal-Knisja kollha,**
**li llum trodd ħajr lil Alla**
**għad-don tal-indulgenza.**
**Bis-sagramenti, bil-pellegrinaġġi,**
**bit-talb u bil-karità**
**ġarrabna l-ħniena ta' Alla:**
**il-Mulej ħasel dnubietna**
**u mliena bil-grazzja tiegħu.**
**Matul din is-sena**
**ħadna sehem fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba,**
**bil-misteru kollu ta' Kristu,**
**imqassam matul is-sena liturġika.**
**Issa, li nħjejna minn din l-esperjenza ta' konverżjoni,**
**nerġgħu lura għar-rittmu tal-ħajja ta' kuljum.**
**bħal dixxipli li rajna lil wiċċu,**
**inħarsu fina l-hena tal-laqgħa tagħna mal-Mulej**
**u nżommu fina bla mittifes**
**l-istqarrija tat-tama tagħna,**
**għaliex fidil hu dak li wiegħed.**

L-Isqof jintona t-Te Deum (pġ 77) u, jkompli flimkien mal-ġemgħa. Jista' jsir kant ieħor ta' radd il-ħajr.

## TALBA FUQ IL-POPLU

16. Kif jintemm il-kant, l-Isqof, b'idejh mifruxa fuq il-poplu, jitlob il-barka fuqu:

**Ħa tinżel, Mulej, fuq din il-familja tiegħek,**
**il-milja tal-grazzja**
**u l-abbundanza tad-doni tiegħek:**
**agħti lill-poplu fidil tiegħek il-fidi li ċċaqlaq il-muntanji,**
**it-tama li ma tqarraqx,**
**u mħabba kollha tjubija u sabar,**
**biex filwaqt li ma titbiegħed qatt mir-rieda tiegħek,**

**troddlok ħajr għal ġid kollu li tagħmel magħha.**
**Bi Kristu Sidna.**
℟. Ammen.

**U l-barka ta' Alla li jista' kollox,**
**il-Missier, ✠ u l-Iben, ✠ u l-Ispirtu ✠ s-Santu,**
**tinżel fuqkom u tibqa' magħkom dejjem.**
℟. Ammen.

Jew:

## BARKA SOLENNI

17. Kif jintemm il-kant, l-Isqof, jagħti l-Barka Solenni bħas-soltu:

**Il-Missier,**
**li bagħat lil Ibnu, mhux biex jikkundanna d-dinja**
**imma biex jifdiha,**
**ibiegħed minnkom kull ħażen**
**u jagħti widen għax-xewqat tajba tagħkom.**
℟. Ammen.

**L-Iben,**
**li sejjaħ għandu lill-imtaqqlin u lill-imġarrbin,**
**jagħtikom is-serħan tas-sliem,**
**biex b'tama sħiħa tistennew**
**it-tieni miġja tiegħu fl-aħħar taż-żminijiet.**
℟. Ammen.

**L-Ispirtu s-Santu,**
**li, matul din is-Sena tal-Ġublew, għanikom bil-grazzja tiegħu,**
**jagħtikom li twettqu f'ħajjitkom**
**dak li ġarrabtu fil-fidi.**
℟. Ammen.

**U l-barka ta' Alla li jista' kollox,**
**il-Missier, ✠ u l-Iben, ✠ u l-Ispirtu ✠ s-Santu,**
**tinżel fuqkom u tibqa' magħkom dejjem.**
℟. Ammen.

18. Id-djaknu jingħat lill-ġemgħa b'dan il-kliem:

**Morru, aduraw f'qalbkom lill-Mulej,**
**lesti dejjem biex twieġbu**
**lil kull min jitlobkom raġuni għat-tama li tinsab fikom.**
℟. Ammen.

# QUDDIESA GĦAS-SENA TAL-ĠUBLEW

Din il-Quddiesa tista' tintuża, bil-kulur proprju tal-jum jew taż-Żmien, fejn isiru ċelebrazzjonijiet partikulari tas-Sena tal-Ġublew, ħlief fis-Solennitajiet, fil-Ħdud u fil-Festi, fil-Ġimgħa Mqaddsa, fit-Tridu tal-Għid, fl-Ottava tal-Għid, fil-ferji tal-Avvent mis-17 sal-24 ta' Diċembru, fl-Ottava tal-Milied, fit-Tifkira tal-Fidili Mejtin kollha u fl-Erbgħa tar-Rmied.

Fi Żmien l-Avvent, Żmien il-Milied, Żmien ir-Randan u Żmien il-Għid, għal-Liturġija tal-Kelma jintużaw is-siltiet tal-jum.

**A**

Antifona tal-Introjtu Salm 26, 14

Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek;
ittama fil-Mulej. (Ż. Għ. Hallelujah)

## KOLLETTA

**Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**xewqa tħeġġeġ fil-qalb tal-bniedem,**
**ħares bi tjieba lejn il-poplu tiegħek,**
**pellegrin f'din is-sena ta' grazzja,**
**biex, magħqud ma' Kristu, blata tas-salvazzjoni tagħna,**
**jista' jasal hieni biex jilħaq dak li twiegħdu t-tama qaddisa.**
**B'Ibnek Ġesu Kristu Sidna, li hu Alla,**
**u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu,**
**għal dejjem ta' dejjem.**

## TALBA FUQ L-OFFERTI

**Ilqa', bil-ħniena, nitolbuk Mulej,**
**l-offerti tal-familja tiegħek,**
**biex bl-għajnuna tal-ħarsien tiegħek**
**ma titlef xejn mid-doni li tajtha**
**u tasal għal dawk li jibqgħu għal dejjem.**
**Bi Kristu Sidna.**

## PREFAZJU
## Kristu tama waħdanija

℣. **Il-Mulej magħkom.**
℟. U miegħek ukoll.
℣. **Nerfgħu qlubna 'l fuq.**
℟. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.
℣. **Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.**
℟. Hekk sewwa u xieraq.

**Sewwa u xieraq tassew,**
**tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna**
**li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr,**
**Mulej, Missier qaddis,**
**Alla ta' dejjem li tista' kollox.**

**F'dan iż-żmien ta' grazzja,**
**inti tiġbor lil uliedek kollha f'familja waħda,**
**biex, imdawlin bil-Kelma tal-ħajja,**
**jiċċelebraw bil-ferħ il-misteru ta' Ibnek imsallab,**
**li qam minn bejn l-imwiet.**

**Hu, is-salvazzjoni dejjem mixtieqa u dejjem mistennija,**
**isejjaħ lil kulħadd għall-mejda tiegħu,**
**idewwi l-ġrieħi tal-ġisem u tar-ruħ,**
**u jagħti l-hena lill-imnikktin.**

**Għal dawn is-sinjali tat-tjieba tiegħek,**
**b'fidi ħajja, nitwieldu mill-ġdid għal tama iktar żgura,**
**u ninfetħu għall-aħwa, b'imħabba fil-għemil,**
**waqt li nistennew li jerġa' jiġi s-Salvatur tagħna.**

**Bih, imseħbin mal-anġli u mal-qaddisin kollha,**
**inkantaw l-innu tat-tifħir tiegħek, u ngħidu bla heda:**

**Qaddis, Qaddis, Qaddis ...**

Antifona tat-Tqarbin — Ara Lq 4, 18.19

L-Ispirtu tal-Mulej fuqi;
Bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-foqra
u nħabbar is-sena tal-grazzja. (Ż. Għ. Hallelujah)

TALBA WARA T-TQARBIN

**O Alla li tgħajjixna minn ħobża waħda**
**u timlielna qlubna b'tama waħda;**
**qawwina bil-grazzja tiegħek,**
**biex, imseħbin mal-Qaddisin tiegħek,**
**u ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu,**
**inqumu miegħu għall-ħajja fil-glorja.**
**Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**

BARKA SOLENNI

**Iberikkom il-Mulej u jħariskom.**
℟. Ammen.

**Jiddi wiċċu fuqkom u jimlikom b'kull grazzja.**
℟. Ammen.

**Idawwar ħarstu fuqkom u jagħnikom bis-sliem.**
℟. Ammen.

**U l-barka ta' Alla li jista' kollox,**
**il-Missier, u l-Iben, ✠ u l-Ispirtu s-Santu,**
**tinżel fuqkom u tibqa' magħkom dejjem.**
℟. Ammen.

**B**

Antifona tal-Introjtu Salm 89, 1-2

Mulej, inti kenn għalina, minn nisel għal nisel.
Inti minn dejjem għal dejjem. (Ż. Għ. Hallelujah)

KOLLETTA

**O Alla, meta waslet il-milja taż-żmien,**
**bgħatt lil Ibnek Salvatur tagħna;**
**agħmel li, bid-dawl tal-Misteru**
**tal-Qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet,**
**tmexxi lill-bnedmin kolha, pellegrini fl-istorja**
**għal-laqgħa wiċċ imb wiċċ miegħek, tama waħdanija tagħna.**
**B'Ibnek Ġesu Kristu Sidna, li hu Alla,**
**u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu,**
**għal dejjem ta' dejjem.**

TALBA FUQ L-OFFERTI

**Ħa jkunu quddiemek O Alla, għotja għal qalbek,**
**l-offerti li qed inressqu fuq l-altar tiegħek,**
**waqt li niċċelebraw din is-sena qaddisa,**
**biex nieħdu sehem mill-ħajja ta' dejjem ta' Ibnek,**
**li miegħek jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**

PREFAZJU
Kristu tama waħdanija

℣. **Il-Mulej magħkom.**
℟. U miegħek ukoll.
℣. **Nerfgħu qlubna 'l fuq.**
℟. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.
℣. **Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.**
℟. Hekk sewwa u xieraq.

**Sewwa u xieraq tassew,**
**tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna**
**li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr,**
**Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**bi Kristu Sidna.**

**Ibnek il-waħdieni mnissel qabel kull żmien,**
**twieled fiż-żmien minn Marija Verġni,**

**inti kkonsagrajtu bid-dilka tal-Ispirtu s-Santu,**
**u hu, f'ismek, xandar is-sena tal-grazzja:**
**lill-foqra, xandrilhom il-faraġ,**
**lill-ħabsin, ħabbrilhom il-ħelsien,**
**u lill-bnedmin kollha, wasslilhom is-salvazzjoni u s-sliem.**

**Hu t-tama waħdanija**
**li tisboq kull stennija tal-bniedem**
**u li tixgħel bid-dija, kull żmien għal dejjem.**

**Għal dan il-misteru ta' salvazzjoni,**
**imseħbin mal-anġli u mal-qaddisin fis-sema**
**b'leħen wieħed inxandru t-tifħir tiegħek u ngħidu :**

**Qaddis, Qaddis, Qaddis ...**

Antifona tat-Tqarbin — Ara Tit 2, 12-13
Ngħixu f'din id-dinja bil-ġustizzja u t-tjieba,
aħna u nistennew li sseħħ it-tama hienja
u jasal fil-glorja Alla tagħna. (Ż. Għ. Hallelujah)

TALBA WARA T-TQARBIN
**Qaddes u ġedded, Missier, lill-poplu fidil tiegħek,**
**li sejjaħt għal din il-mejda,**
**u, bil-ħidma tal-Knisja tiegħek, xerred fuq il-ġnus kollha**
**il-ġid tas-salvazjoni, mirbuħ minn Kristu fuq is-salib.**
**Hu li miegħek jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**

BARKA FUQ IL-POPLU
**Dawwar ħarstek Mulej,**
**lejn dawk kollha li jitolbuk,**
**u ħares bi tjieba lil dawk,**
**li jittamaw fil-ħniena tiegħek,**
**biex b'ħajja qaddisa jibqgħu fidili lejk,**
**u, waqt li ma jonqoshom xejn milli jinħtieġu,**
**ikunu għal dejjem, werrieta tal-wegħdiet tiegħek.**
**Bi Kristu Sidna.**
℟. Ammen.

**U l-barka ta' Alla li jista' kollox,**
**il-Missier, u l-Iben, ✠ u l-Ispirtu s-Santu,**
**tinżel fuqkom u tibqa' magħkom dejjem.**
℟. Ammen.

## Ċ

Antifona tal-Introjtu Tit 3, 5-7

Alla salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu,
biex, bis-saħħa tal-grazzja tiegħu, nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem,
skont it-tama li għandna. (Ż. Għ. Hallelujah)

### KOLLETTA

**O Alla, li tajt lill-bnedmin kollha**
**ir-rimedju għas-salvazzjoni u l-grazzja tal-ħajja ta' dejjem**
**f'Ibnek il-waħdieni,**
**agħti lil dak li twieldu mill-ġdid fi Kristu**
**ir-rieda u l-qawwa li jgħixu skont il-kmandamenti tiegħek,**
**biex il-poplu msejjaħ għas-saltna tiegħek**
**ikun sħiħ fil-fidi, hieni fit-tama u bieżel fl-imħabba.**
**B'Ibnek Ġesu Kristu Sidna, li hu Alla,**
**u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu,**
**għal dejjem ta' dejjem.**

### TALBA FUQ L-OFFERTI

**Ħares, Missier lejn wiċċ Kristu Ibnek,**
**tama waħdanija tagħna,**
**li ta lilu nnifsu biex jifdi lill-bnedmin kollha,**
**u agħmel li kullimkien fid-dinja, fost il-popli kollha,**
**jingħata ġieħ lill-isem tiegħek**
**u jsirlek sagrifiċċju wieħed u perfett.**
**Bi Kristu Sidna.**

### PREFAZJU

Kristu, Alla u bniedem, Salvatur ta' kulħadd

℣. **Il-Mulej magħkom.**
℟. U miegħek ukoll.
℣. **Nerfgħu qlubna 'l fuq.**
℟. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.
℣. **Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.**
℟. Hekk sewwa u xieraq.

**Sewwa u xieraq tassew,**
**tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna**
**li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr,**
**Mulej, Missier qaddis,**

**Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**bi Kristu Sidna.**

**Fih iseħħu l-wegħdiet tal-imgħoddi;**
**id-dell jgħib biex jiddi d-dawl,**
**id-dinja tiġġedded,**
**u l-bniedem isir ħolqien ġdid.**

**Hu li, darba għal dejjem,**
**offra lilu nnifsu fuq is-salib,**
**ried jiġma' u jgħaqqad lil uliedek imxerrda;**
**mgħolli fil-glorja, l-ewwel wild fost ħafna aħwa,**
**jifthilna l-bieb tat-tama tal-hena bla tmiem.**

**Għal dan il-misteru ta' salvazzjoni,**
**nissieħbu mal-anġli u mal-qaddisin fis-sema**
**u, b'leħen wieħed magħhom, inxandru t-tifħir tiegħek u ngħidu :**

**Qaddis, Qaddis, Qaddis ...**

Antifona tat-Tqarbin Mt 28, 20
Jiena magħkom dejjem,
sal-aħħar taż-żmien, jgħid il-Mulej. (Ż. Għ. Hallelujah)

## TALBA WARA T-TQARBIN

**Saħħaħtna, O Alla, bil-ħobż tas-sema;**
**agħtina li nintrabtu dejjem mal-Evanġelju tal-ħajja,**
**biex, fid-dinja, insiru ħmira u għodda tas-salvazzjoni.**
**Bi Kristu Sidna.**

## BARKA FUQ IL-POPLU

**Is-sliem ta' Alla,**
**li jiżboq kulma l-moħħ jista' jaħseb,**
**iħares qlubkom u ħsibijietkom**
**fl-għarfien u fl-imħabba**
**ta' Alla, u ta' Ibnu, Ġesù Kristu Sidna.**
℟. Ammen.

**U l-barka ta' Alla li jista' kollox,**
**il-Missier, u l-Iben, ✠ u l-Ispirtu s-Santu,**
**tinżel fuqkom u tibqa' magħkom dejjem.**
℟. Ammen.

# SILTIET
# GĦAL-LITURĠIJA TAL-KELMA

## QARI I

*Il-Mulej dilikni u kkonsagrani; bagħtni nwassal il-bxara hienja lill-foqra u nagħtihom iż-żejt tal-ferħ.*

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija** 61, 1-3a. 6a. 8b-9

1 L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi,
għax il-Mulej ikkonsagrani,
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
bagħatni ndewwi l-qalb miksura;
biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs;
2 biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej,
u jum il-vendetta ta' Alla tagħna;
biex infarraġ lill-imnikktin;
3a biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon,
nagħtihom kuruna flok irmied,
żejt tal-ferħ flok l-ilbies tal-vistu,
6a Lilkom isejħulkom: 'Il-Qassisin tal-Mulej',
'Qaddejja ta' Alla tagħna' isemmukom.
8b Jiena bis-sewwa nħallashom,
u nagħmel magħhom patt għal dejjem.
9 Nisilhom ikun magħruf fost il-ġnus,
u wliedhom qalb il-popli.
Kull min jarahom jagħrafhom
li huma nisel imbierek mill-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

Jew

## QARI I

*L-imħabba ta' Alla ixxerdet f'qalbna*

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani** 5, 5-11

5 Ħuti, din it-tama ma tqarraqx bina,
għax l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna
permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.
6 Mela, meta aħna konna bla saħħa,
Kristu, meta wasal iż-żmien, miet għall-ħżiena.
7 Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb,
għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb
u jmut għal wieħed ġeneruż.
8 Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu
meta Kristu miet għalina,
aħna li konna għadna midinbin.
9 Kemm aktar u aktar issa
li aħna ġġustifikati b'demmu,
insalvaw permezz tiegħu mill-korla ta' Alla!
10 Jekk meta konna għadna għedewwa ta' Alla
tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu,
kemm iktar issa, li aħna ħbieb miegħu,
insalvaw permezz tal-ħajja tiegħu?
11 Mhux hekk biss,
imma niftaħru wkoll f'Alla b'Sidna Ġesù Kristu
li permezz tiegħu ksibna din il-ħbiberija.

Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

## SALM RESPONSORJALI

Salm 88 (89), 21-22; 25. 27

℟. Ngħanni għal dejjem l-imħabba tal-Mulej.

21 Sibt lil David, qaddej tiegħi,
biż-żejt imqaddes tiegħi dliktu;
22 tkun idi dejjem miegħu,
u nsaħħu wkoll bi driegħi. ℟.

25 Miegħu jkunu l-fedeltà u t-tjieba tiegħi;
B'ismi tissaħħaħ il-qawwa tiegħu.
27 Hu jsejjaħli: Inti missieri u Alla tiegħi,
blata tas-salvazzjoni tiegħi! ℟.

## AKKLAMAZZJONI GĦALL-EVANĠELJU

Is 61, 1 (Lq 4, 18)

℟. Hallelujah, hallelujah.
L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
Bagħtni nwassal il-bxara t-tajba lill-foqra.
℟. Hallelujah.

## EVANĠELJU 4, 16-21

*Bagħtni nħabbar is-sena tal-grazzja tal-Mulej*

✠ **Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien,
Ġesù ġie Nazaret fejn kien trabba.
Daħal fis-sinagoga tagħhom,
kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt,
u qam biex jaqra.
17 Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta,
fetħu u sab fejn kien hemm miktub dan li ġej
18 « "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
għax hu kkonsagrani,
bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
u d-dawl mill-ġdid lill-għomja,
inrodd il-ħelsien lill-maħqurin
19 u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej."
20 Imbagħad raġa' għalaq il-ktieb,
tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda.
Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu.
21 U beda jgħidilhom:
« Din il-kitba seħħet illum,
intom u tisimgħu. »

Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Tifħit lilek, Kristu.

# APPENDIĊI

## FORMULARJI GĦALL-QUDDIESA

Dawn il-formularji jistgħu jintużaw fil-Quddies għas-Sena tal-Ġublew.

### ATT PENITENZJALI

**1.**
**Mulej, li tqanqal il-fidi,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, li tħeġġeġ it-tama,**
**Kristu, ħniena (Christe, eléison).**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, li tnissel l-imħabba,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**2.**
**Mulej, li tajt id-dawl lill-għomja u ħlist lill-ħabsin,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, li wegħedt sema ġdid u art ġdida,**
**Kristu, ħniena. (Christe, eléison)**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, li issa ssaltan fil-lemin tal-Missieri,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**3.**
**Mulej, dawl li tkeċċi d-dlamijiet,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, bieb li jwassal għas-salvazzjoni,**
**Kristu, ħniena. (Christe, eléison)**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, tama li qatt ma tgħib,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**4.**
**Mulej, tama tagħna,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, Salvatur tagħna,**
**Kristu, ħniena. (Christe, eléison)**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, ħajja tagħna,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**5.**
**Mulej, difensur tal-foqra,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

**Kristu, kenn tad-dgħajfin,**
**Kristu, ħniena. (Christe, eléison)**
℟. Kristu, ħniena (Christe, eléison).

**Mulej, tama tal-midinbin,**
**Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).**
℟. Mulej, ħniena (Kýrie, eléison).

## TALBA UNIVERSALI

**1.**

Daħla

**Il-Mulej, Sid il-ħajja u l-istorja,**
**jagħti l-għajnuna tal-Ispirtu,**
**lill-bnedmin kollha, pellegrini fiż-żmien,**
**biex jagħrfu t-toroq tat-tajjeb**
**u jaslu biex ixandru li 'Ġesù hu il-Mulej'.**
**Mimlijin bit-tama fil-Missier tagħna tas-sema,**
**inressqu quddiemu t-talbiet tagħna.**
℟. Missierna ismagħna.

**Għeluq**
**Isma', Missier, it-talba tagħna:**
**agħmel li kull bniedem jagħraf lilek,**
**Alla wieħed u veru,**
**u lil dak li bgħatt, Ibnek Ġesù Kristu,**
**li miegħek jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**
℟. Ammen.

**2.**

Daħla

**Ħuti għeżież,**
**inressqu t-talba tagħna quddiem il-Missier,**
**li, fi Kristu, fetaħ il-bibien tat-tama u tal-ħajja**
**għall-bnedmin kollha.**
℟. Urina, Mulej, il-ħniena tiegħek.

Għeluq

**Missier, li tagħtina l-hena li niġu hawn f'darek,**
**biex infaħħru ismek**
**u nieħdu l-qawwa tal-imħabba mingħandek,**
**dawwal ħajjitna bl-Ispirtu tiegħek**
**u agħmilna xhieda tat-tama tal-Evanġelju.**
**Bi Kristu Sidna.**
℟. Ammen.

**3.**

Daħla

**Il-Kelma ta' Alla, li għadna kemm smajna,**
**hija s-sies tal-fidi tagħna,**
**ħobż li jgħajjex it-tama tagħna,**
**u ħmira li tgħaqqadna u tkabbarna bħal aħwa.**
**Nitolbu lill-Missier għall-ħtiġijiet tad-dinja kollha.**

℟. Dawwalna, Mulej, u għinna fil-mixja tagħna lejk.

Għeluq

**Missier, li fi Kristu Ibnek,**
**tajtna l-verità li ddawwalna,**
**it-triq li turina l-mogħdija tagħna lejk,**
**u l-ħajja li, bla heda, tiġġedded;**
**agħtina l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek,**
**biex kuljum noqorbu dejjem iżjed**
**lejn l-imħabba u t-tama tas-Saltna tiegħek.**
**Bi Kristu Sidna.**

℟. Ammen.

**4.**

Daħla

**B'fiduċja sħiħa,**
**inressqu t-talb tagħna quddiem il-Missier,**
**li qed isejħilna biex nieħdu sehem**
**fil-ferħ tas-saltna tiegħu.**

℟. Ħares fina, Mulej, it-tama tiegħek.

Għeluq

**Missier,**
**li dejjem tissieħeb mal-Knisja tiegħek**
**matul il-mixja tagħha fid-dinja**
**u tgħinha bid-dawl u l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek,**
**nissel mill-ġdid fina tama ħajja,**
**biex nitgħallmu nagħrfu s-sinjali tal-presenza tiegħek**
**fil-ġrajjiet tal-istorja.**
**Bi Kristu Sidna.**

℟. Ammen.

## TALB GĦAL WAQT IL-PELLEGRINAĠĠ

### Salmi

Fl-aħħar ta' kull salm tista' tingħad jew titkanta l-Glorja lill-Missier:

### Salm 15 (14)
Il-bniedem ġust jgħix quddiem il-Mulej.
*Salm ta' David.*

Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek? *
Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?

2 Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, *
min jgħid is-sewwa f'qalbu;

3 min ma jqassasx bi lsienu, †
ma jagħmilx deni lil ġaru, *
u ma jgħajjarx lil għajru;

4 min ma jistmax lill-bniedem ħażin, †
imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej; *
min iwiegħed u jżomm kelmtu;

5 min jislef u ma jitlobx imgħax, †
u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija. *
Min jagħmel dan qatt ma jitħarrek.

### Salm 24 (23)
Il-Mulej, is-Sultan tal-glorja, jidħol fit-tempju tiegħu.
*Salm ta' David.*

1 Tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha, *
id-dinja u kull ma jgħix fiha.

2 Għax hu fuq l-ibħra waqqafha, *
u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha.

3 Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej, *
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?

4 Min għandu idejh indaf u qalbu safja, †
min ma jagħtix ruħu għall-frugħa, *
u anqas ma jaħlef bil-qerq.

5 Dan ikollu barka mingħand il-Mulej, *
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.

6 Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxuh; *
li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb.

7 Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem, *
ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!
8 Min hu dan is-Sultan tal-glorja? †
Hu l-Mulej setgħan u qawwi, *
il-Mulej qawwi fit-taqbida.

9 Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem, *
ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!

10 Min hu dan is-Sultan tal-glorja? †
Hu l-Mulej tal-eżerċti: *
dan hu s-Sultan tal-glorja!

## Salm 84 (83)
## Innu ta' pellegrinaġġ

*Għas-surmast tal-kor. Fuq "L-Imgħasar". Ta' ulied Koreh.*

2 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, *
Mulej tal-eżerċti!

3 Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej; *
ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj.

4 Sa l-għasfur isib fejn jgħammar, *
u l-ħuttafa ssib il-bejta ħdejn l-altari tiegħek;
hemm hi tqiegħed iż-żgħar tagħha, *
Mulej tal-eżerċti, Sultan u Alla tiegħi!
5 Henjin dawk li jgħammru f'darek; *
huma jfaħħruk għal dejjem.

6 Henjin dawk li jsibu fik il-qawwa tagħhom, *
li għandhom għal qalbhom il-pellegrinaġġ għat-tempju.

7 Huma u għaddejja minn wied niexef, †
ibiddluh f'nixxiegħa ta' ilma; *
u x-xita bikrija tbiddlu f'għadajjar.

8 Jimxu u aktar jissaħħu, *
sa ma jidhru quddiem Alla f'Sijon fuq l-allat.

9 Mulej, Alla tal-eżerċti, isma' talbi; *
agħti widen, Alla ta' Ġakobb.

10 Ħares, o Alla, lejn it-tarka tagħna, *
ħares lejn is-sultan, il-midluk tiegħek.

11 Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek *
aħjar minn elf jum f'post ieħor;
aħjar noqgħod fuq l-għatba ta' dar Alla tiegħi *
milli ngħammar fit-tined tal-ħżiena.

12 Għax xemx u tarka l-Mulej Alla, *
ħniena u ġieħ hu jagħti lilna.
Ebda ġid ma jiċħad il-Mulej *
lil min jimxi bis-sewwa.

13 Mulej tal-eżerċti, *
hieni l-bniedem li jittama fik!

## Salm 95 (94)

*Stedina għat-tifħir lil Alla*

1 Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej, *
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
2 Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr, *
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.
3 Għax Alla kbir hu l-Mulej, *
sultan kbir fuq l-allat kollha.

4 F'idejh huma qiegħan l-art, *
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
5 Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu; *
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.
6 Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu, *
ngħarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
7 Għaliex hu Alla tagħna, *
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu! *
8 "La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert, †
9 meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom, *
għalkemm raw dak li jien għamilt.
10 Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel; †
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu, *
u triqati ma jagħrfux.'
11 Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi: *
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

## Salm 118 (117)

*Innu ta' radd il-ħajr*

1 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!
2 Ħa jgħidu wlied Iżrael: *
"Għal dejjem it-tjieba tiegħu."
3 Ħa tgħid dar Aron: *
"Għal dejjem it-tjieba tiegħu."
4 Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej: *
"Għal dejjem it-tjieba tiegħu."
5 Sejjaħt il-Mulej fid-dwejjaq tiegħi; *
u l-Mulej weġibni, u ħariġni fil-wisa'.
6 La l-Mulej miegħi, m'għandix għax nibża'; *
x'jista' jagħmilli l-bniedem?
7 Il-Mulej miegħi, hu l-għajnuna tiegħi, *
u nħares b'wiċċi minn quddiem lejn l-għedewwa tiegħi.
8 Aħjar tiskenn fil-Mulej *
milli tittama fil-bnedmin.

[9] Aħjar tiskenn fil-Mulej *
milli tittama fil-kbarat.
[10] Il-ġnus kollha dawruni; *
imma f'isem il-Mulej irbaħthom.
[11] Dawruni, minn kull naħa rassewni; *
imma f'isem il-Mulej irbaħthom.
[12] Bħan-naħal daru miegħi, †
bħan-nar tax-xewk madwari jħeġġu; *
imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

[13] B'saħħithom kollha imbuttawni biex naqa'; *
imma l-Mulej tani l-għajnuna.
[14] Qawwa tiegħi u għana tiegħi l-Mulej; *
hu kien għalija s-salvazzjoni tiegħi.
[15] Għajat ta' ferħ u rebħ fl-għerejjex tat-tajbin: *
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila!
[16] Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa, *
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.
[17] Ma mmutx, imma nibqa' ngħix, †
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej. *
[18] iżda ma telaqnix għall-mewt.
[19] Iftħuli l-bibien tal-ġustizzja; *
ħa nidħol minnhom u nrodd ħajr lill-Mulej.
[20] Dan hu bieb il-Mulej; *
il-ġusti jidħlu minnu.
[21] Niżżik ħajr talli weġibtni *
u kont għalija s-salvazzjoni tiegħi.
[22] Il-ġebla li warrbu l-bennejja *
saret il-ġebla tax-xewka.
[23] Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: *
ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna.
[24] Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; *
ħa nifirħu u nithennew fih!
[25] Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana! *
Ejja, nitolbuk, Mulej, agħtina r-riżq!
[26] Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej! *
Inberkukom minn dar il-Mulej.

27 Jaħweh hu Alla; hu d-dawl tagħna. *
Tqassmu f'purċissjoni bil-friegħi f'idejkom sa ħdejn l-altar.

28 Alla tiegħi int, jien niżżik ħajr; *
Alla tiegħi, jien lilek inkabbar.

29 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

## Salm 122 (121)
## Tislima lil Ġerusalemm, belt is-sliem
*Għanja tat-telgħat. Ta' David.*

1 Fraħt meta qaluli: *
"Sejrin f'dar il-Mulej!"
2 Diġà qegħdin riġlejna *
fi bwiebek, Ġerusalemm!
3 Ġerusalemm, mibnija bħal belt, *
magħquda ħaġa waħda.
4 Lejha t-tribujiet jitilgħu, *
it-tribujiet tal-Mulej,
biex, skont il-liġi ta' Iżrael, *
ifaħħru isem il-Mulej.
5 Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq, *
it-tronijiet tad-dar ta' David.

6 Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm: *
"Ħa jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!
7 Ħa jkun hemm is-sliem ġewwa l-ħitan tiegħek, *
u l-ġid fil-palazzi tiegħek!"

8 Minħabba ħuti u ħbiebi, *
ħallini ngħidlek: "Is-sliem għalik!"
9 Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna, *
nixtieq illi jkollok il-ġid.

## Salm 136 (135)

*Innu lill-imħabba u lit-tjieba ta' Alla*

1 Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
2 Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
3 Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
4 Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
5 Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

6 Li firex l-art fuq l-ilmijiet, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
7 Li għamel id-dawl il-kbar, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
8 Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
9 Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

10 Hu darab l-Eġizzjani f'uliedhom il-kbar, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
11 U ħareġ lil Iżrael minn ġo nofshom, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
12 Ħariġhom b'id qawwija u bi driegħ merfugħ, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

13 Hu feraq fi tnejn il-Baħar tal-Qasab, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
14 U għadda lil Iżrael minn ġo nofshom, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
15 Ġarraf il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu †
fil-Baħar tal-Qasab, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

16 Hu mexxa fid-deżert il-poplu tiegħu, *
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

17 U xejjen slaten qawwija, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
18 Qered slaten kbar, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
19 Qered lil Siħon, sultan tal-Amurrin, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
20 U lil Għog, sultan ta' Basan, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
21 U l-art tagħhom qassamha b'wirt, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

22 B'wirt lil Iżrael, qaddej tiegħu, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
23 Meta konna magħkusin ftakar fina, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
24 U ħelisna mill-għedewwa tagħna, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
25 Lil kulħadd hu jagħti l-ikel, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

26 Roddu ħajr lil Alla tas-smewwiet, *
    għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

## LITANIJA TAL-QADDISIN

Mulej, ħniena. Mulej, ħniena.
Kristu, ħniena. Kristu, ħniena.
Mulej, ħniena. Mulej, ħniena.

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina.
San Mikiel, itlob għalina.
San Gabrijel, itlob għalina.
San Rafel, itlob għalina.
Anġli qaddisa ta' Alla, itolbu għalina.

San Ġwann Battista, itlob għalina.
San Ġużepp, itlob għalina.
Sant'Anna u San Ġwakkin, itolbu għalina.
Qaddisin, patrijarki u profeti, itolbu għalina.

San Pietru, itlob għalina.
San Pawl, itlob għalina.
Sant Andrija, itlob għalina.
San Ġakbu, itlob għalina.
San Ġwann, itlob għalina.
San Tumas, itlob għalina.
San Ġakbu, itlob għalina.
San Bartilmew, itlob għalina.
San Mattew, itlob għalina.
San Xmun, itlob għalina.
San Ġuda, itlob għalina.
San Mattija, itlob għalina.
San Barnaba, itlob għalina.
San Luqa, itlob għalina.
San Mark, itlob għalina.
Qaddisin, appostli u evanġelisti, itolbu għalina.

Santa Marija Maddalena, itlob għalina.
Santa Marta, itlob għalina.
Santa Marija ta' Betanja, itlob għalina.
San Lazzru, itlob għalina.
Qaddisin, dixxipli tal-Mulej, itolbu għalina.

San Stiefnu, itlob għalina.
San Lawrenz, itlob għalina.
San Vinċenz, itlob għalina.
Sant'Injazju ta' Antjokja, itlob għalina.
San Sebastjan, itlob għalina.
San Ġorġ, itlob għalina.
Santa Marija Goretti, itlob għalina.
San Massimiljanu Marija Kolbe, itlob għalina.
San Pedro Calúñgsod, itlob għalina.
San José Sánchez del Río, itlob għalina.
Qaddisin, Martri ta' Kristu, itolbu għalina.

Santa Perpetwa u Santa Feliċita, itolbu għalina.
Sant'Anjeże, itlob għalina.
Sant'Agata, itlob għalina.
Santa Luċija, itlob għalina.
Santa Ċeċilja, itlob għalina.
Santa Margerita, itlob għalina.
Sant'Ursola, itlob għalina.
Santa Katarina, itlob għalina.
Santa Venera, itlob għalina.
Sant'Elena, itlob għalina.
Santa Ġemma Galgani, itlob għalina.
Qaddisin, nisa ommijiet, romol u verġni, itolbu għalina.

San Klement, itlob għalina.
San Silvestru, itlob għalina.
San Girgor, itlob għalina.
San Piju V, itlob għalina.
San Piju X, itlob għalina.
San Ġwanni XXIII, itlob għalina.
San Pawlu VI, itlob għalina.
San Ġwanni Pawlu II, itlob għalina.
Qaddisin, papiet, mexxejja tal-Knisja, itolbu għalina.

Sant'Ambroġ, itlob għalina.
Santu Wistin, itlob għalina.
San Ġilormu, itlob għalina.
San Martin, itlob għalina.
San Nikola, itlob għalina.

Sant'Atanasju, itlob għalina.
San Bażilju, itlob għalina.
San Martin, itlob għalina.
San Publju, itlob għalina.
San Karlu Borromeo, itlob għalina.
Sant'Alfons Marija, itlob għalina.
San John Henry Newman, itlob għalina.
Sant'Oscar Romero, itlob għalina.
Qaddisin, usqfijiet u konfessuri, itolbu għalina.

Sant'Anton, itlob għalina.
San Ċirillu u San Metodju, itolbu għalina.
San Benedittu, itlob għalina.
San Leonardu, itlob għalina.
San Bernard, itlob għalina.
San Franġisk u San Duminku, itolbu għalina.
Santa Kjara, itlob għalina.
Santa Katarina ta' Siena, itlob għalina.
Santa Tereża ta' Ġesù itlob għalina.
Sant'Injazju ta' Loyola, itlob għalina.
San Ġwann tas-Salib, itlob għalina.
San Franġisku Saverju, itlob għalina.
Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, itlob għalina.
San Piju ta' Pietrelcina, itlob għalina.
Santa Tereża ta' Calcutta, itlob għalina.
Qaddisin, fundaturi u reliġjużi, itolbu għalina.

San Filep, itlob għalina.
San Gejtanu, itlob għalina.
San Ġwann Marija Vianney, itlob għalina.
San Ludovico Pavoni, itlob għalina.
Sant'Alfons Maria Fusco, itlob għalina.
San José Gabriel Brochero itlob għalina.
San Ludovik minn Casoria, itlob għalina.
San Ġorġ Preca, itlob għalina.
Qaddisin, presbiteri u leviti, itolbu għalina.

San Ġiljan, itlob għalina.
San Nunzju Sulprizio, itlob għalina.
San Franġisku u Santa Ġjaċinta Marto, itolbu għalina.

San Ġużeppi Moscati, itlob għalina.
Santa Ġanna Berretta Molla, itlob għalina.
Santa Laura Vicuna, itlob għalina.
Santa Katerina Tekakwita, itlob għalina.
San Louis u Santa Marie Azélie Guérin, itolbu għalina.
Qaddisin, lajċi, dixxipli ta' Kristu, itolbu għalina.

Qaddisin kollha ta' Alla, itolbu għalina.

Beatu Piju IX, itlob għalina.
Beatu Nazju, itlob għalina.
Beata Adeodata, itlob għalina.

Uri ħniena magħna, eħlisna, nitolbuk, Mulej.
Minn kull deni, eħlisna, nitolbuk, Mulej.
Minn kull dnub, eħlisna, nitolbuk, Mulej.
Mill-mewt ta' dejjem, eħlisna, nitolbuk, Mulej.
Bl-Inkarnazzjoni tiegħek, eħlisna, nitolbuk, Mulej.
Bil-mewt u l-qawmien tiegħek, eħlisna, nitolbuk, Mulej.
Bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu, eħlisna, nitolbuk, Mulej.

Midinbin, ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mexxi l-Knisja tiegħek u ħarisha, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Żomm il-Papa u l-Ordnijiet kollha tal-Knisja fir-rabta mqaddsa tiegħek, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Agħtina spirtu ta' mħabba lejn ħutna, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Agħti paci u ftehim tassew lill-popli kollha, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Agħti s-saħħa lill-morda, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Uri ħniena ma' min qiegħed fl-agunija, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Uri ħniena ma' kull min hu mġarrab, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Qawwina u ħarisna fil-qadi mqaddes tiegħek, ismagħna, nitolbuk, Mulej.
Ġesù, Iben ta' Alla l-ħaj, ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Kristu, ismagħna. Kristu, ismagħna.
Kristu, ilqa' t-talb tagħna. Kristu, ilqa' t-talb tagħna.

# II

# NORMI DWAR L-GĦOTI TAL-INDULĠENZA TAL-ĠUBLEW

PENITENZJERIJA APPOSTOLIKA

## NORMI DWAR L-GĦOTI TAL-INDULĠENZA MATUL IL-ĠUBLEW ORDINARJU TAS-SENA 2025 IMSEJJAĦ MILL-QDUSIJA TIEGĦU IL-PAPA FRANĠISKU

"Issa wasal iż-żmien ta' Ġublew ġdid, li fih jerġa' jinfetaħ beraħ il-Bieb Imqaddes, biex joffri l-esperjenza ħajja tal-imħabba ta' Alla" (*Spes non confundit*, 6). Fil-bolla li tħabbar il-Ġublew Ordinarju tal-2025, il-Qdusija Tiegħu il-Papa, fil-mument storiku attwali, li fih "imnessija mit-traġedji tal-imgħoddi, l-umanità hija suġġetta għal prova ġdida u diffiċli li tara ħafna ġnus maħkuma mill-brutalità tal-vjolenza" (*Spes non confundit*, 8), isejjaħ lill-insara kollha, biex isiru pellegrini tat-tama. Din hija virtù li nerġgħu niskopru mill-ġdid fis-sinjali taż-żminijiet, li waqt li jgħaqqdu fihom "ix-xenqa tal-qalb tal-bniedem, fil-bżonn tal-preżenza ħelliesa ta' Alla, jitolbu li jinbidlu f'sinjali ta' tama" (*Spes non confundit*, 7), li fuq kollox toħroġ mill-għajn tal-grazzja ta' Alla u mill-milja tal-ħniena tiegħu.

Sa mill-bolla li tħabbar il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena fl-2015, Papa Franġisku enfasizza kif l-Indulġenza kisbet "importanza partikolari" f'dak il-kuntest (*Misericordiæ vultus*, 22), peress li l-ħniena ta' Alla "issir l-indulġenza tal-Missier li permezz tal-Għarusa ta' Kristu, tilħaq lill-midneb maħfur u teħlisu minn kull fdal tal-konsegwenza tad-dnub" (*ibid.*). Bl-istess mod illum il-Papa jiddikjara li d-don tal-Indulġenza "jħallina niskopru kemm hi bla qjies il-ħniena ta' Alla. Mhux ta' b'xejn li fil-qedem il-kelma 'ħniena' kien tista' tinbidel ma' dik ta' 'indulġenza', sewwa sew, għax trid jesprimi l-milja tal-maħfra bla tarf ta' Alla" (*Spes non confundit*, 23). L-indulġenza, għalhekk, hija grazzja tal-Ġublew.

Għalhekk, fl-okkażjoni tal-Ġublew Ordinarju tal-2025 ukoll, bir-rieda tal-Papa, din il-"Qorti tal-Ħniena", li hija responsabbli biex tiddisponi minn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-għoti u l-użu tal-Indulġenza, għandha l-ħsieb li tħeġġeġ lill-erwieħ tal-fidili, biex jixtiequ u jrawwmu fihom ix-xewqa twajba li jiksbu l-Indulġenza, bħala don ta' grazzja, speċifiku għal kull Sena Mqaddsa, u tistabbilixxi l-preskrizzjonijiet li ġejjin, biex il-fidili jkunu jistgħu jużaw id-"dispożizzjonijiet, u jiksbu u jagħmlu effettiva l-prattika tal-Indulġenza tal-Ġublew" (*Spes non confundit*, 23).

Matul il-Ġublew Ordinarju tal-2025 tibqa' fis-seħħ kull għotja oħra ta' Indulġenza. Il-fidili kollha tassew niedma, meħlusin minn kull ġibda għad-dnub (ara *Enchiridion Indulgentiarum*, IV ed., norm. 20, § 1), imqanqla minn spirtu ta' karità, u matul is-Sena Mqaddsa, jissaffew bis-sagrament tal-penitenza u jissaħħu bit-Tqarbin Imqaddes, u jitolbu skont l-intenzjonijiet tal-Papa, mit-teżor tal-Knisja jistgħu jiksbu Indulġenza sħiħa u maħfra ta' dnubiethom, li tista' tiġi applikata għall-erwieħ tal-Purgatorju f'forma ta' suffraġju:

I. *Waqt il-Pellegrinaġġi Mqaddsa*

Il-fidili, pellegrini tat-tama, jistgħu jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew mogħtija mill-Papa jekk jagħmlu b'qima pellegrinaġġ:

lejn kull post sagru tal-Ġublew:

hemmhekk jieħdu sehem b'devozzjoni fil-Quddiesa (kull meta n-normi liturġiċi jippermettuh, ikun possibbli li wieħed jieħu sehem fil-Quddiesa proprja tal-Ġublew jew f'Quddiesa votiva: għar-rikonċiljazzjoni, għall-maħfra tad-dnubiet, għall-virtù tal-karità jew għall-għaqda fost il-ġnus); f'Quddiesa ritwali għall-għoti tas-sagramenti tal-bidu tal-Ħajja Nisranija jew tad-Dlik tal-Morda; f'ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla; fil-Liturġija tas-Sigħat (L-Uffiċċju tal-Qari, it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, L-Għasar); fil-Via Sagra; fir-Rużarju Marjan; fl-innu tal-Akathistos; f'ċelebrazzjoni penitenzjali, li tintemm bil-qrar individwali tal-penitenti, kif stabbilit fir-rit tal-Penitenza (forma II);

f'Ruma:

f'xi waħda mill-erba' Bażilki Papali Maġġuri: ta' San Pietru, fil-Vatikan, tas-Santissmu Salvatur, fil-Lateran, ta' Santa Maria Maggiore, ta' San Paolo fuori le Mura;

fl-Art Imqaddsa:

f'xi waħda mit-tliet Bażilki: tas-Santu Sepulkru, f'Ġerusalemm, tat-Twelid, f'Betlem, u tat-Tħabbira tal-Mulej, f'Nazaret;

f'ċirkoskrizzjonijiet ekkleżjastiċi oħra:

lejn il-katidral jew knejjes u mkejjen imqaddsa oħra, magħżula mill-Ordinarju tal-post. L-Isqfijiet iżommu f'moħħhom il-ħtiġijiet tal-fidili, kif ukoll l-opportunità li jżommu sħiħa t-tifsira tal-pellegrinaġġ, li bil-qawwa simbolika kollha tiegħu, għandu l-ħila juri l-ħtieġa mħeġġa tal-konverżjoni u tar-rikonċiljazzjoni;

II. *Fi żjarat ta' qima fi mkejjen imqaddsa*

Bl-istess mod, il-fidili jkunu jistgħu jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew jekk,

weħidhom jew ma' oħrajn, iżuru b'devozzjoni xi mkien tal-Ġublew, u hemmhekk, għal żmien xieraq, jimpenjaw ruħhom fl-adorazzjoni Ewkaristika u l-meditazzjoni, u jagħlqu bil-Missierna, bil-Professjoni tal-Fidi, f'kull forma leġittima u b'xi nvokazzjonijiet lil Marija, Omm Alla, biex f'din is-Sena Mqaddsa kulħadd "ikun jista' jduq il-qrubija tal-akbar omm, li taf tħoss u li qatt ma titlaq weħidhom lil uliedha" (*Spes non confundit*, 24).

Fl-okkażjoni partikulari tas-Sena tal-Ġublew, minbarra l-postijiet ta' pellegrinaġġ magħrufa, imsemmija hawn fuq, il-fidili jistgħu iżuru wkoll l-imkejjen imqaddsa l-oħra bl-istess kundizzjonijiet:

f'Ruma:
il-Bażilka ta' Santa Croce in Gerusalemme, il-Bażilka ta' San Lorenzo al Verano, il-Bażilka ta' San Sebastjan, (hija rakkomandata ħafna ż-żjara devota msejħa "tas-seba' Knejjes", tant għażiża għal San Filippu Neri), is-Santwarju del Divino Amore, il-Knisja ta' Santo Spirito in Sassia, il-Knisja ta' San Paolo alle Tre Fontane, fejn ħa l-Martirju l-Appostlu, il-Katakombi Nsara; il-knejjes tal-mogħdijiet tal-ġublew iddedikati għall-*Iter Europæum* u l-knejjes iddedikati lill-Qaddisin Nisa Patruni tal-Ewropa u Dutturi tal-Knisja (il-Bażilika ta' Santa Maria sopra Minerva, il-Knisja ta' Santa Brigida a Campo de' Fiori, il-Knisja ta' Santa Maria della Vittoria, il-Knisja ta' Trinità dei Monti, il-Bażilka ta' Santa Cecilia in Trastevere, il-Bażilka ta' Sant'Agostino in Campo Marzio);

f'postijiet oħra fid-dinja:
iż-żewġ Bażilki minuri Papali ta' Assisi, ta' San Franġisk u ta' Santa Maria degli Angeli; il-Bażilki Papali tal-Madonna ta' Loreto, tal-Madonna ta' Pompei, ta' Sant'Antnin ta' Padova; kull bażilka minuri, knisja katidrali, knisja ko-katidrali, jew santwarju Marjan, kif ukoll, għall-ġid tal-fidili, kull knisja kolleġġjata distinta jew santwarju magħżul minn kull isqof djoċesan jew eparkjali, kif ukoll santwarji nazzjonali jew internazzjonali, "imkejjen imqaddsa ta' akkoljenza u spazji privileġġjati biex inisslu t-tama" (Spes non confundit, 24), indikati mill-Konferenzi Episkopali.

Il-fidili tassew niedma, li ma jkunux jistgħu jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet solenni, f'pellegrinaġġi u fi żjarat ta' qima għal raġunijiet serji (bħal, l-ewwel nett is-sorijiet u l-patrijiet tal-klawsura, l-anzjani, il-morda, il-ħabsin, kif ukoll dawk li, fl-isptar jew f'postijiet oħra ta' kura, jipprovdu servizz kontinwu lill-morda), jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew, taħt l-istess kundizzjonijiet jekk, magħqudin fl-ispirtu, mal-fidili, partikolarment f'mumenti li fihom il-kliem tal-Papa jew l-Isqfijiet djoċesani jiġu mxandra bil-mezzi ta' komunikazzjoni, jgħidu f'darhom jew fejn l-impediment iżommhom (eż. fil-kappella tal-monasteru, sptar, dar tal-anzjani, ħabs ...) il-Missierna, il-Professjoni tal-Fidi fi kwalunkwe forma leġittima, u talb

ieħor konformi mal-għanijiet tas-Sena Mqaddsa, waqt li joffru t-tbatijiet tagħhom jew it-tbatijiet ta' ħajjithom:

III. *Fl-opri tal-ħniena u tal-penitenza*

Barra minn hekk, il-fidili jkunu jistgħu jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew jekk, fi spirtu devot, jieħdu sehem f'missjonijiet popolari, eżerċizzji spiritwali jew laqgħat ta' formazzjoni dwar it-testi tal-Konċilju Vatikan II u l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, li għandhom isiru fi knisja jew f'post ieħor addat, skont l-intenzjoni tal-Papa.

Minkejja r-regola li tgħid, li tista' tinkiseb indulġenza plenarja waħda biss kuljum (ara *Enchiridion Indulgentiarum*, IV ed., norm. 18, § 1), il-fidili li jkunu applikaw l-att ta' karità favur l-erwieħ fil-Purgatorju, jekk se jersqu leġittimament lejn is-sagrament tat-Tqarbin għat-tieni darba fl-istess jum, ikunu jistgħu jiksbu l-indulġenza plenarja darbtejn fl-istess ġurnata, applikabbli biss għall-mejtin (dan ifisser li ssir fil-Quddiesa; ara kan. 917 u l-Kummissjoni Pontifiċja għall-interpretazzjoni awtentika tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, *Responsa ad dubia*, 1, 11 ta' Lulju 1984). B'din l-offerta doppja, isir eżerċizzju ta' karità sopranaturali ta' min ifaħħru, li, minħabba r-rabta li biha l-fidili, li għadhom f'pellegrinaġġ fuq l-art, jingħaqdu fil-Ġisem mistiku ta' Kristu ma' dawk li diġà temmew il-vjaġġ tagħhom, għax "l-indulġenza tal-Ġublew, bis-saħħa tat-talb, hija maħsuba b'mod partikulari għal dawk li ġew qabilna, sabiex ikunu jistgħu jiksbu ħniena sħiħa" (*Spes non confundit*, 22).

Iżda, b'mod aktar partikolari, "fis-Sena tal-Ġublew se nkunu msejħin biex inkunu sinjali tanġibbli ta' tama, għal ħafna aħwa li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' tbatija" (*Spes non confundit*, 10): l-Indulġenza hija għalhekk marbuta wkoll ma' opri tal-ħniena u tal-penitenza, li bihom tingħata xhieda tal-konverżjoni li tkun seħħet. Il-fidili, fuq l-eżempju u l-kmand ta' Kristu, huma mħeġġa biex iwettqu aktar spiss opri ta' karità jew ħniena, l-aktar billi jaqdu lil dawk l-aħwa li huma mtaqqlin minn ħtiġijiet differenti. B'mod iktar preċiż, ħa jiskopru mill-ġdid "l-għemejjel tal-ħniena li jmissu l-ġisem: itma' lil min hu bil-ġuħ, isqi lil min hu bil-għatx, libbes lill-għarwien, ilqa' lill-barranin, żur lill-morda, żur lill-ħabsin, idfen lill-mejtin" (*Misericordiæ vultus*, 15) u ħa jiskopru mill-ġdid ukoll "l-għemejjel tal-ħniena li jmissu r-ruħ: agħti parir lil ħosbenin, għallem lil min ma jafx, widdeb lill-midinbin, farraġ lill-imnikktin, aħfer il-ħtijiet, stabar b'min idejqek, itlob lil Alla għall-ħajjin u l-mejtin" (*ibid.*).

Bl-istess mod, il-fidili jkunu jistgħu jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew, jekk iżuru għal tul ta' żmien xieraq lil ħuthom li jkunu fil-bżonn jew f'diffikultà (morda, ħabsin, anzjani li jgħixu weħidhom, persuni b'diżabilità ...), daqs li kieku

għamlu pellegrinaġġ lejn Kristu preżenti f'nofshom (ara Mt 25, 34-36) u jħarsu l-kundizzjonijiet spiritwali, sagramentali u ta' talb tas-soltu. Bla dubju, il-fidili, jistgħu itennu dawn iż-żjarat matul is-Sena Mqaddsa, u jiksbu indulġenza plenarja f'kull waħda minnhom, anke kuljum.

L-Indulġenza Plenarja tal-Ġublew tista' tinkiseb ukoll permezz ta' inizjattivi li jimplimentaw b'mod konkret u ġeneruż l-ispirtu penitenzjali, li huwa bħar-ruħ tal-Ġublew, billi jiskopru mill-ġdid, b'mod partikulari, il-valur penitenzjali tal-Ġimgħa: l-astinenza, fi spirtu ta' penitenza, għall-inqas għal jum wieħed, minn distrazzjonijiet għalxejn (rejali iżda wkoll virtwali, minħabba ngħidu aħna, il-midja u n-netwerks soċjali) u minn konsum żejjed (pereżempju, bis-sawm jew bil-prattika tal-astinenza skont in-normi ġenerali tal-Knisja u l-indikazzjonijiet tal-Isqfijiet), kif kif ukoll billi jagħtu għotjiet xierqa ta' flus lill-foqra; appoġġ lil xogħlijiet ta' natura reliġjuża jew soċjali, speċjalment favur id-difiża u l-ħarsien tal-ħajja, fil-fażijiet kollha tagħha, u tal-kwalità tal-ħajja nnifisha; ta' tfal abbandunati, ta' żgħażagħ f'diffikultà; ta' anzjani fil-bżonn jew weħidhom; ta' migranti minn diversi pajjiżi "li jabbandunaw arthom biex ifittxu ħajja aħjar għalihom infushom u għall-familji tagħhom" (*Spes non confundit*, 13); billi jiddedikaw parti raġonevoli mill-ħin liberu tagħhom għal attivitajiet volontarji, li huma ta' siwi għall-komunità jew għal forom oħra jixbħuhom ta' impenn personali fil-kommunità.

L-Isqfijiet djoċesani jew eparkjali kollha u dawk li huma ekwivalenti għalihom fil-liġi, fl-iktar jum xieraq ta' dan iż-żmien tal-Ġublew, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni prinċipali fil-katidral u fil-knejjes tal-Ġublew individwali, ikunu jistgħu jagħtu l-Barka Appostolika, marbuta mal-Indulġenza Plenarja mehmuża, li tista' tinkiseb mill-fidili kollha li jirċievuha bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

Sabiex l-aċċess għas-sagrament tal-Penitenza u l-kisba tal-maħfra ta' Alla, bis-setgħa tal-imfietaħ, ikun pastoralment iktar faċli, l-Ordinarji tal-post huma mistiedna jagħtu lill-kanonċi u lis-saċerdoti li fil-Katidrali u fi Knejjes magħżula għas-Sena Mqaddsa, jisimgħu l-qrar tal-fidili, il-fakultajiet limitati għall-*foro interno*, għall-fidili tal-Knejjes tal-Lvant, kif stabbilit fil-kan. 728, § 2 tal-CCEO, u fil-każ ta' riserva possibbli, dawk fil-kan. 727, b'eċċezzjoni għall-każi mniżżla fil-kan. 728, § 1; filwaqt li għall-fidili tal-Knisja Latina, il-fakultajiet imsemmija fil-kan. 508, § 1 tal-CIC.

Għaldaqstant, din il-Penitenzjerija tħeġġeġ lis-saċerdoti kollha biex joffru b'disponibbiltà ġeneruża u bid-dedikazzjoni tagħhom infushom, possibbiltà l-iktar wiesgħa biex il-fidili jibbenefikaw mill-mezzi tas-salvazzjoni, billi jadottaw u jippubblikaw ħinijiet għall-qrar, bi qbil mal-kappillani jew mar-retturi tal-knejjes ġirien, billi jkunu fil-konfessjonarji, jippjanaw ċelebrazzjonijiet penitenzjali fuq bażi fissa u spissa; joffru wkoll disponibbiltà akbar ta' saċerdoti li, wara li laħqu

l-limitu tal-età, ħielsa minn impenji pastorali oħra, jistgħu jagħtu dan is-servizz. Għandna niftakru wkoll, li skont il-Motu proprio *Misericordia Dei*, jista' jiġi amministrat il-Qrar ukoll waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

Biex tagħmel iktar faċli l-ħidma tal-konfessuri, il-Penitenzjerija Appostolika, b'mandat tal-Papa, tipprovdi li s-saċerdoti, li jsieħbu jew jingħaqdu ma' pellegrinaġġ tal-Ġublew, barra mid-Djoċesi tagħhom, jistgħu jagħmlu użu mill-istess fakultajiet li jkunu ngħatawlhom fid-Djoċesi tagħhom, mill-Awtorità leġittima. Fakultajiet speċjali, imbagħad jiġu mogħtija minn din il-Penitenzerija Appostolika lill-penitenzieri fil-Bażilki Papali ta' Ruma, lill-kanoniċi penitenziera jew lill-penitenzieri djoċesani stabbiliti fiċ-ċirkoskrizzjonijiet ekkleżjastiċi individwali.

Il-konfessuri, wara li jkunu għallmu b'imħabba lill-fidili dwar is-serjetà tad-dnubiet, li magħhom hija marbuta riserva jew ċensura, jiddeterminaw, b'karità pastorali, penitenzi sagramentali xierqa, li jwassluhom, kemm jista' jkun, għall-indiema tassew u, skont in-natura tal-każijiet, jistiednuhom isewwu kull skandlu u ħsara.

Fl-aħħar nett, il-Penitenzerija tistieden bil-qalb lill-Isqfijiet, bħala dawk li għandhom f'idhom l-uffiċċju tripplu ta' tagħlim, tmexxija u qdusija, biex jieħdu ħsieb li jfissru b'mod ċar id-dispożizzjonijiet u l-prinċipji proposti hawn, għat-tqaddis tal-fidili, filwaqt li jżommu f'moħħhom iċ-ċirkustanzi lokali, il-kultura u t-tradizzjonijiet. Katekeżi adatta għall-karatteristiċi soċjo-kulturali ta' kull poplu tista' tipproponi b'mod effettiv l-Evanġelju u l-messaġġ Nisrani kollu, billi tqanqal aktar fil-qlub ix-xewqa għal dan id-don uniku, miksub bis-saħħa tal-medjazzjoni tal-Knisja.

Dan id-Digriet huwa validu għall-Ġublew Ordinarju kollu tal-2025, minkejja kull dispożizzjoni kuntrarja.

Mogħti f'Ruma, mis-sede tal-Penitenzjarju Appostoliku, fit-13 ta' Mejju 2024, Tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' Fatima.

✠ Angelo Card. De Donatis
*Penitenzjier Ewlieni*

✠ E.T. Mons. Krzysztof Nykiel
*Reġġent*

WERREJ

# Te Deum Laudamus




17
- - ctus. San - ctus Dóm - in - us De - us Sá -
19
- ba - oth. Ple - ni sunt cœ - li et ter - - ra,
22
ma - ies - tá - tis gló - ri - æ tu - æ. Te glo -
24
- ri - ó - - sus, A - po - sto - ló - rum cho - rus.
27
Te pro - - phe - tá - - rum, lau - dá - bi - lis
29
nu - me - rus. Te Már - tyr - um can di - dá - - tus,
32
lau - dat ex - ér - ci - tus. Te per or - bem - ter -
34
- ter - rá - - rum, san - cta con - fi - té - tur


36
Ec - clé - si - a. Pa - - trém, im - men - sæ
39
ma - ies - tá - tis. Ve - ne - rán - dum tu - um
41
ver - - rum, et ún - i - cum fí - li - um.
44
San - ctum quo - - que, pa - rá - cli - tum Spí - ri -
46
- tum. Tu Rex gló - ri - æ Chri - ste. Tu
49
Pa - - tris, sem - pi - ter - nus es Fí - li
51
- us. Tu ad li - ber - án - dum su - scep - tu - rus hó
53
- - mi - nem, non or - ru - ís - ti vir - gi - nis ú


55
- ter - um. Tu de - vic - to mor - tis a - cú -
57
- le - o, a - per - u - ís - ti cre - dén - ti - bus re - gna
59
cæ ló - rum. Tu ad déx - ter - am De - i se
61
- - des, in gló - ri - a Pa - tris.
64
Ju - dex cré - - de - ris, es - se ven - tú -
66
- rus. Te er - go quǽ - su - mus fá - mu - lis tu - is súb
68
- ve - ni, quos pre - ti - ó - so sán - gui - ne re - de
70
- mi - sti. Æ - tér - na fac cum san - ctis tu - -


72
- is, in gló - ri - a nu - me - rá - ri. Sal
75
- vum fac pó - pu - lum tu - um Dó - - mi - ne.
77
et bé - ne - dic he - re - di - tá - ti tu - æ. Et
79
re - ge e - - os, et ex - tól - le il - los
81
us - que in tér - tér - num. Per sín - gu - los di - es,
84
be - ni - dí - ci - mus te. Et lau - dá - mus no -
86
- men tu - um in sǽ - - cu - lum, et in sǽ - cu -
88
- lum sǽ - cu - li. ( Di - gná - re Dó - mi - ne di - e


90
is - to, si - ne pec - cá - ta nos cus - to - di - re.
93
Mi - se - ré - re nos - tri Dó - - mi - ne, mi - se
95
- mi - se - ré - re nos - tri. Fi - at mi - se - ri - có -
97
- di - a tu - a Dó - mi - ne su - per nos, quæm ád -
99
- mo - dum spe - rá - vi - mus in te. In te Dó - mi - ne
101
spe - rá - - vi, non con - fún - dar in
103
æ - tér num. )